**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0178/2021**

31.5.2021

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit
(COM(2020)0854 – C9-0433/2020 – 2020/0380(COD))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Pascal Arimont

Rapporteurs għal opinjoni (*):
Valérie Hayer, Kumitat għall-Baġits
François-Xavier Bellamy, Kumitat għas-Sajd

(*) Kumitati assoċjati – l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura



Magħquda fid-diversità

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

# WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................51

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.........................................................................55

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD ...........................................................................98

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .................................................................126

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI......127

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit**
**(COM(2020)0854 – C9-0433/2020 – 2020/0380(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0854),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 322 u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0433/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' ...[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2021[2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-25 ta' Frar 2021[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, maqbula fil-laqgħa speċjali tiegħu ta' bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 2020, li jipprevedu l-istabbiliment ta' Riżerva ta' Aġġustament speċjali ġdida għall-Brexit,

– wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għas-Sajd,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0178/2021),

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[3] ĠU C 101, 23.3.2021, p. 1.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (1) Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ[11] u ***se jdum sal-*** 31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew negozjati formali dwar relazzjoni futura. | (1) Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ[11] u ***ntemm fil-*** 31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew negozjati formali dwar relazzjoni futura. |
| [11] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7). | [11] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ***se jkunu preżenti ostakli għall-kummerċ*** u ***għall-iskambji transfruntiera*** bejn l-Unjoni u r-Renju Unit***.*** ***Huma mistennija konsegwenzi*** wiesgħa u estensivi għan-negozji, ***iċ-ċittadini*** u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Dawk il-konsegwenzi ma jistgħux jiġu evitati u l-partijiet interessati jeħtieġ li jiżguraw li jkunu lesti għalihom. | (2) Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ***l-ostakli għall-kummerċ, għall-iskambji transfruntiera u għall-moviment liberu tal-persuni, is-servizzi*** u ***l-kapital*** bejn l-Unjoni u r-Renju Unit ***saru realtà b'konsegwenzi*** wiesgħa u estensivi għan-negozji, ***b'mod partikolari l-SMEs, u l-ħaddiema tagħhom, kif ukoll għall-komunitajiet lokali*** u l-amministrazzjonijiet pubbliċi ***u għaċ-ċittadini***. ***Peress li*** dawk il-konsegwenzi ma jistgħux jiġu evitati***, jeħtieġ li jittaffew kemm jista' jkun,*** u l-partijiet interessati jeħtieġ li jiżguraw li jkunu lesti għalihom. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-Unjoni hija impenjata li ttaffi ***l-impatt ekonomiku*** tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha, speċjalment dawk l-aktar affettwati f'ċirkostanzi ***eċċezzjonali bħal dawn***. | (3) L-Unjoni hija impenjata li ttaffi ***l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u territorjali negattivi*** tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha, ***inklużi r-reġjuni u l-komunitajiet lokali tagħhom, kif ukoll is-setturi ekonomiċi tagħhom,*** speċjalment dawk l-aktar affettwati ***ħażin,*** f'ċirkostanzi ***daqshekk eċċezzjonali***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) L-Unjoni hija impenjata wkoll favur ġestjoni tas-sajd sostenibbli skont l-objettivi tal-PKS, inkluż il-prinċipju li jintlaħaq ir-rendiment massimu*** |

***sostenibbli għall-istokkijiet kollha skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, it-tmiem tas-sajd eċċessiv, ir-restawr tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u l-ħarsien tal-ambjent tal-baħar, kif previst ukoll mill-impenji internazzjonali.***

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-Riżerva) biex tipprovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bil-għan li jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Jenħtieġ li tkopri kompletament jew parzjalment in-nefqa ***pubblika*** addizzjonali mġarrba ***mill-Istati*** Membri għal miżuri speċifikament meħuda biex itaffu dawk il-konsegwenzi. | (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-Riżerva) biex tipprovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bil-għan li jittaffa l-impatt ***negattiv*** tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Jenħtieġ li tkopri kompletament jew parzjalment in-nefqa addizzjonali mġarrba ***mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali, jew lokali fl-Istati*** Membri għal miżuri speċifikament meħuda biex itaffu dawk il-konsegwenzi. ***Il-perjodu ta' referenza, kif definit f'dan ir-Regolament, li jiddetermina l-eliġibbiltà tan-nefqa, jenħtieġ li japplika għall-pagamenti li jsiru mill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, inklużi l-pagamenti lil entitajiet pubbliċi jew privati, għall-miżuri mwettqa.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Hija tal-fehma li l-Istati Membri li jibbenefikaw mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit jenħtieġ li jipprovdu l-*** |

***evidenza kollha meħtieġa ta' appoġġ pubbliku biex iżommu u joħolqu impjiegi ta' kwalità fejn l-impjiegi ġew affettwati b'mod negattiv jew intilfu minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.***

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-reġjuni, iż-żoni u l-komunitajiet lokali, inklużi dawk dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd ***fl-ilmijiet tar-Renju Unit***, li ***x'aktarx*** jintlaqtu l-aktar ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit. L-Istati Membri ***jista' jkollhom jieħdu miżuri speċifiċi b'mod partikolari biex*** jappoġġaw lin-negozji u ***lis-setturi ekonomiċi affettwati*** b'mod ***negattiv mill-ħruġ***. Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu ***dan l-objettiv***. | (5) Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-reġjuni, iż-żoni u l-komunitajiet lokali ***u jallokawlhom fondi mir-Riżerva***, inklużi dawk dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd, li jintlaqtu l-aktar ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit. ***Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit, jenħtieġ li*** l-Istati Membri ***jużaw parti sostanzjali mill-kontribuzzjoni mir-Riżerva fuq miżuri li*** jappoġġaw lin-negozji ***privati*** u ***pubbliċi milquta ħażin mill-ħruġ,*** b'mod ***partikolari l-SMEs u l-ħaddiema tagħhom, kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom, peress li issa qed jiffaċċjaw ostakli għall-flussi tal-kummerċ, żieda fil-proċeduri amministrattivi u doganali, u piż regolatorju u finanzjarju akbar***. Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu ***dawk l-objettivi***. ***Fl-isforzi tagħhom biex jappoġġaw lis-setturi, lir-reġjuni, liż-żoni u lill-komunitajiet lokali tagħhom milquta ħażin, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw il-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar is-Sħubija u jistrieħu fuq l-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali tagħhom biex jidentifikaw l-aktar miżuri xierqa. Il-miżuri ta' appoġġ jenħtieġ li jqisu l-Patt Ekoloġiku*** |

*Ewropew u l-Aġenda Diġitali, jirrispettaw il-prinċipju "La tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 u jkunu konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali inkluż il-kontribut inerenti tiegħu għall-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tagħhom.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fid-dawl tal-importanza li t-tibdil fil-klima jiġi indirizzat b'mod determinat f'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Fondi u l-programmi se jikkontribwixxu biex jiġu integrati l-azzjonijiet klimatiċi u biex tintlaħaq il-mira ġenerali ta' 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni b'appoġġ għall-objettivi klimatiċi. Ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit hija mistennija tikkontribwixxi 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali għall-objettiv tal-klima skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet speċifiċi ta' kull Stat Membru.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, jenħtieġ li n-nefqa għall-assistenza teknika tkun eliġibbli sabiex jitnaqqas il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***piż amministrattiv u biex l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali jiġu megħjuna jimplimentaw ir-Riżerva biex jassistu b'mod partikolari lill-SMEs, li minħabba d-daqs tagħhom ma għandhomx ir-riżorsi u l-għarfien biex jegħlbu ż-żieda fil-piż u fl-ispejjeż amministrattivi.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu speċifikati b'mod ċar kwalunkwe esklużjonijiet mill-appoġġ ipprovdut mir-Riżerva. Jenħtieġ li r-Riżerva teskludi mill-appoġġ it-taxxa fuq il-valur miżjud peress li din tikkostitwixxi dħul ta' Stat Membru, li jagħmel tajjeb għall-ispiża relatata għall-baġit tal-Istat Membru. ***Sabiex jiġi kkonċentrat l-użu ta' riżorsi limitati bl-aktar mod effiċjenti, jenħtieġ*** li ***l-assistenza teknika użata mill-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Riżerva ma tkunx eliġibbli għal appoġġ mir-Riżerva. F'konformità mal-approċċ ġenerali għall-politika*** ta' ***koeżjoni, jenħtieġ*** li ***ma tkunx appoġġjata n-nefqa marbuta mar-rilokazzjonijiet jew*** li ***tmur kontra kwalunkwe liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli***. | (6) Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu speċifikati b'mod ċar kwalunkwe esklużjonijiet mill-appoġġ ipprovdut mir-Riżerva. Jenħtieġ li r-Riżerva teskludi mill-appoġġ it-taxxa fuq il-valur miżjud peress li din tikkostitwixxi dħul ta' Stat Membru, li jagħmel tajjeb għall-ispiża relatata għall-baġit tal-Istat Membru. F'konformità mal-approċċ ġenerali għall-politika ta' koeżjoni, jenħtieġ li ma tkunx appoġġata n-nefqa marbuta mar-rilokazzjonijiet jew li tmur kontra kwalunkwe liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli. ***Sabiex jiġu kkonċentrati r-riżorsi limitati u biex ikun hemm konformità mal-objettivi ta' dan ir-regolament ħalli jsir konċentrament fuq l-Istati Membri u s-setturi l-aktar li ntlaqtu ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-entitajiet tas-settur finanzjarju – inklużi l-entitajiet tas-settur bankarju li bbenefikaw mill-ħruġ – jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għal appoġġ mir-Riżerva.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex jitqies l-impatt ***immedjat tal-konsegwenzi*** negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom u ***l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri ta' mitigazzjoni, kif xieraq***, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà ***għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri*** jenħtieġ li jibda mill-1 ta' Lulju ***2020*** u jkun ikkonċentrat fuq perjodu limitat ta' ***30*** xahar. | (7) Sabiex jitqies l-impatt ***tal-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, ambjentali u territorjali*** negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom u***, fejn xieraq, il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex ittaffu l-effetti negattivi mistennija tal-ħruġ***, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà jenħtieġ li jibda mill-1 ta' Lulju ***2019*** u jkun ikkonċentrat fuq perjodu limitat ta' ***54*** xahar. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna tipprovdi lill-Parlament Ewropew valutazzjoni tal-impatt dwar il-fluttwazzjoni tal-lira Ingliża (GBP) fir-rigward tal-euro (EUR) sabiex jiġu enfasizzati l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit fuq in-negozji u s-setturi ekonomiċi tal-UE, li jibda mill-1 ta' Jannar 2019, il-bidu tal-perjodu ta' referenza għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li jimplimentaw ir-Riżerva ta' Aġġustament*** |

***għall-Brexit, għandhom ifittxu li jistabbilixxu sinerġiji mal-appoġġ li jirċievu mill-Fondi Strutturali Ewropej, kif ukoll li jevitaw trikkib bejn l-użu ta' din ir-Riżerva u l-Fondi Strutturali.***

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit, u jipprovdu kontrolli fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll ir-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. | (9) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit, u jipprovdu kontrolli fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll ir-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni ***f'każijiet ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, billi r-rispett għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet fundamentali huwa prekundizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u għal finanzjament effettiv min-naħa tal-UE***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli | (10) ***L-implimentazzjoni tar-Riżerva jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-*** |

| | |
|---|---|
| speċifiċi għal impenji baġitarji, pagamenti, riporti u l-irkupru tar-Riżerva. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi possibbiltajiet ta' riport ta' fondi mhux użati lil hinn minn dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u b'hekk jimmassimizza l-kapaċità tar-Riżerva li tindirizza l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom. | ***prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi l-prevenzjoni effettiva u l-prosekuzzjoni tal-frodi, l-evażjoni, l-evitar u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.*** Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal impenji baġitarji, pagamenti, riporti u l-irkupru tar-Riżerva. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, dan ir-Regolament jenħtieġ li***, minħabba n-natura eċċezzjonali u speċifika tar-Riżerva,*** jipprevedi possibbiltajiet ta' riport ta' fondi mhux użati lil hinn minn dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u b'hekk jimmassimizza l-kapaċità tar-Riżerva li tindirizza l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri***, inkluż fil-livell reġjonali u lokali,*** u l-ekonomiji tagħhom. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi addizzjonali u ***biex*** jiżguraw mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jimplimentaw malajr il-miżuri taħt ir-Riżerva, ***fl-2021*** jenħtieġ li jiġi żborżat ammont sostanzjali minnhom bħala prefinanzjament. Il-metodu ta' ***distribuzzjoni*** jenħtieġ li jqis l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit u l-importanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit, abbażi ta' statistika affidabbli u uffiċjali. Minħabba n-natura unika tal-avveniment li jikkostitwixxi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-inċertezza madwar aspetti ewlenin tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa diffiċli li jiġu antiċipati l-miżuri xierqa li l-Istati Membri se jkollhom jieħdu malajr biex jilqgħu għall-effetti tal-ħruġ. Huwa għalhekk meħtieġ li | (11) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi addizzjonali u jiżguraw mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jimplimentaw malajr il-miżuri taħt ir-Riżerva, jenħtieġ li jiġi żborżat ammont sostanzjali minnhom bħala prefinanzjament***, f'żewġ pagamenti ugwali, fl-2021 u fl-2022***. Il-metodu ta' ***allokazzjoni għar-riżorsi tar-Riżerva*** jenħtieġ li jqis l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit u l-importanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit, ***kif ukoll l-importanza tar-reġjuni tal-fruntieri marittimi ġirien u tal-komunitajiet tagħhom,*** abbażi ta' statistika affidabbli u uffiċjali. Minħabba n-natura unika tal-avveniment li jikkostitwixxi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-inċertezza madwar aspetti ewlenin tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' |

| | |
|---|---|
| l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà u b'mod partikolari li l-Kummissjoni titħalla tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament li tipprovdi l-prefinanzjament mingħajr l-obbligu skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju li tipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu ffinanzjati. | tranżizzjoni, huwa diffiċli li jiġu antiċipati l-miżuri xierqa li l-Istati Membri se jkollhom jieħdu malajr biex jilqgħu għall-effetti tal-ħruġ. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà u b'mod partikolari li l-Kummissjoni titħalla tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament li tipprovdi l-prefinanzjament mingħajr l-obbligu skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju li tipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu ffinanzjati. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Qabel il-pagament tal-prefinanzjament, l-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | (12) Qabel il-pagament tal-prefinanzjament, l-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru l-korpi rilevanti fil-livell territorjali xieraq, skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, jenħtieġ li jkun hemm skadenza waħda applikabbli għall-Istati Membri kollha għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva. In-natura speċifika | (13) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, jenħtieġ li jkun hemm skadenza waħda applikabbli għall-Istati Membri kollha għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva. In-natura speċifika |

| | |
|---|---|
| tal-istrument u l-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament qasir jiġġustifikaw l-istabbiliment ta' perjodu ta' referenza mfassal apposta u jrendu sproporzjonat ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jipprovdu d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju, fuq bażi annwali. Peress li fl-istess ħin, ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni huma mitigati mir-rekwiżit li ***tiġi stabbilita*** sistema solida ta' ġestjoni u kontroll mill-Istati Membri, huwa ġġustifikat li ssir deroga mill-obbligu li jiġu ppreżentati d-dokumenti meħtieġa fi Frar jew Marzu ta' kull sena. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-korrettezza tal-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Riżerva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati wkoll jissottomettu, bħala parti mill-applikazzjoni, rapporti ta' implimentazzjoni li jipprovdu aktar dettall dwar l-azzjonijiet iffinanzjati, dikjarazzjoni ta' ġestjoni kif ukoll opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar, imfassla skont standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. | tal-istrument u l-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament qasir jiġġustifikaw l-istabbiliment ta' perjodu ta' referenza mfassal apposta u jrendu sproporzjonat ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jipprovdu d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju, fuq bażi annwali. Peress li fl-istess ħin, ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni huma mitigati mir-rekwiżit li ***jsir użu minn*** sistema solida ta' ġestjoni u kontroll ***diġà eżistenti fl-Istati Membri, jew, fejn xieraq, li tiġi stabbilita*** mill-Istati Membri, huwa ġġustifikat li ssir deroga mill-obbligu li jiġu ppreżentati d-dokumenti meħtieġa fi Frar jew Marzu ta' kull sena. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-korrettezza tal-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Riżerva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati wkoll jissottomettu, bħala parti mill-applikazzjoni, rapporti ta' implimentazzjoni li jipprovdu aktar dettall dwar l-azzjonijiet iffinanzjati***, l-elementi tal-kontijiet, il-kontrolli mwettqa***, dikjarazzjoni ta' ġestjoni kif ukoll opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar, imfassla skont standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[13], hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi***, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri***. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala | (14) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[13], hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi ***fuq l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali***. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala |

| | |
|---|---|
| bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva. | bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva. |
| __________________ | __________________ |
| [13] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1). | [13] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1). |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, ***u*** tirkupra l-ammonti mhux użati***. Sabiex l-appoġġ jiġi kkonċentrat fuq l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-ħruġ***, ***fejn in-nefqa fl-Istat Membru kkonċernat, aċċettata bħala eliġibbli mill-Kummissjoni, taqbeż l-ammont imħallas bħala prefinanzjament*** u ***0.06 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) nominali għall-2021 tal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi permessa allokazzjoni ulterjuri mir-Riżerva għal dak l-Istat Membru fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli***. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, jenħtieġ li ***jsir provvediment għall-possibbiltà*** li ***jintużaw l-ammonti rkuprati mill-prefinanzjament għar-rimborż tan-nefqa*** | (15) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ***negattivi*** tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, tirkupra l-ammonti mhux użati, u ***tiddeċiedi dwar pagamenti addizzjonali sal-limiti tal-allokazzjoni proviżorja***. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, ***l-ammonti mhux użati mill-allokazzjoni proviżorja*** jenħtieġ li ***jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri*** li ***l-ammont aċċettat totali tagħhom jaqbeż l-allokazzjoni proviżorja rispettiva tagħhom***. |

*addizzjonali mill-Istati Membri*.

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Minħabba n-natura eċċezzjonali u bla preċedent tal-istrument u l-iskop tiegħu, jixraq li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri sabiex tgħinhom jidentifikaw miżuri li twettqu jew li jkunu mistennija jitwettqu biex jikkumbattu l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit, inkluż dwar kif trid tiġi vvalutata r-rabta diretta tan-nefqa mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. ***Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni,*** l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu użu ***mill-korpi*** u ***s-sistemi*** maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura. | (16) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli ***fil-livell territorjali xieraq,*** għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. ***Jenħtieġ li*** l-Istati Membri jagħmlu użu ***mis-sistemi eżistenti fejn ikun possibbli,*** u ***jenħtieġ li jiddelegaw il-kompiti lill-korpi*** maħtura eżistenti ***fil-livell territorjali xieraq,*** stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura. ***L-Istati Membri ser*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati jkunu involuti fil-korpi ta' monitoraġġ, jekk ma jkunux diġà parti minnhom.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Biex jiġu żgurati kontrolli u awditi effettivi bl-iskop li jiġi evitat il-finanzjament doppju u jiġu prevenuti, identifikati u rettifikati l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-miżuri appoġġati mir-Riżerva, huwa essenzjali li l-Istati Membri jiġbru u jirreġistraw d-data dwar ir-riċeventi ta' kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u s-sidien benefiċjarji tagħhom f'format elettroniku standardizzat u interoperabbli u jużaw l-għodda unika għall-estrazzjoni tad-data li trid tiġi pprovduta mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16b) Sabiex titnaqqas il-burokrazija huwa rrakkomandat li jintużaw tekniki eżistenti bħall-għażla tal-ispejjeż issimplifikati biex jingħata kontribut għal distribuzzjoni aktar mgħaġġla tar-riżorsi finanzjarji.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[14], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[15] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[16], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew li ntużaw b'mod mhux korrett u, fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrativi, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. | (17) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[14], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[15] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[16]***u r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni***, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew li ntużaw b'mod mhux korrett u, fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrativi, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza |

involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

---

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

[17] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[18] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

[17] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[18] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva u jinfurmaw lill-pubbliku kif xieraq peress li l-attivitajiet ta' trasparenza, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fuq il-post. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża u aġġornata. | (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri***, ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali*** jqajmu kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva u jinfurmaw lill-pubbliku ***u b'mod partikolari lir-riċeventi*** kif xieraq peress li l-attivitajiet ta' trasparenza, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fuq il-post. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża u aġġornata. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapport finali lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Riżerva***. | (19) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapport finali ***dwar l-implimentazzjoni tar-Riżerva*** lill-Parlament Ewropew***, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni*** u ***lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill-1 ta' ***Jannar 2020*** sal-31 ta' Diċembru ***2022***; | (1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill-1 ta' ***Lulju 2019*** sal-31 ta' Diċembru ***2023***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) "Status Territorjali Speċjali" tfisser, fejn adatt, it-Territorji Brittaniċi extra-Ewropej u d-Dipendenzi tal-Kuruna;*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Riżerva għandha tipprovdi appoġġ biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma ***l-aktar*** milquta minn dak il-ħruġ, u biex jittaffa l-impatt relatat fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. | Ir-Riżerva għandha tipprovdi appoġġ biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi ***ekonomiċi, ambjentali, soċjali u territorjali*** negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-Istati Membri, ***inkluż*** fir-reġjuni u ***l-komunitajiet lokali, kif ukoll*** fis-setturi ***ekonomiċi***, b'mod partikolari dawk li huma milquta ***l-agħar*** minn dak il-ħruġ, u biex jittaffa l-impatt ***negattiv*** relatat fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' ***EUR 5 370 994 000*** fi prezzijiet ***attwali***. | 2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' ***EUR 5 000 000 000*** fi prezzijiet ***tal-2018***. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati kif ġej: | 3. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati ***b'mod proviżorju skont il-metodu u l-ammonti riżultanti ppreżentati fl-Anness I. Għandhom ikunu disponibbli*** kif ġej: |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ammont ta' prefinanzjament ta' ***EUR 4 244 832 000*** għandu jkun disponibbli fl-2021 f'konformità mal-Artikolu 8; | (a) ammont ta' prefinanzjament ta' ***EUR 4 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018*** għandu jkun disponibbli ***u mħallas f'żewġ pagamenti ta' EUR 2 000 000 000*** fl-2021 ***u EUR 2 000 000 000 fl-2022*** f'konformità mal-Artikolu 8; |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ammonti addizzjonali ta' ***EUR 1 126 162 000*** għandhom ikunu disponibbli fl-***2024*** f'konformità mal-Artikolu 11. | (b) ammonti addizzjonali ta' ***EUR 1 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018*** għandhom ikunu disponibbli fl-***2025*** f'konformità mal-Artikolu 11. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandha tappoġġa biss ***in-nefqa pubblika marbuta direttament ma'*** miżuri | 1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandha tappoġġa biss miżuri meħuda speċifikament mill-Istati Membri**,** |

| | |
|---|---|
| meħuda speċifikament mill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, u tista' tkopri, b'mod partikolari dan li ġej: | ***inkluż fil-livell tal-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** biex jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, u tista' tkopri, b'mod partikolari dan li ġej: |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) miżuri li ***jgħinu n-negozji*** u ***l-komunitajiet*** lokali milquta ħażin mill-ħruġ; | (a) miżuri li ***jagħtu appoġġ lin-negozji privati*** u ***pubbliċi, b'mod partikolari lill-SMEs, dawk li jaħdmu għal rashom, il-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet*** lokali milquta ħażin mill-ħruġ; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta; | (b) miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta ***ħażin***; |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) miżuri li jappoġġaw ***in-negozji*** u ***l-komunitajiet*** lokali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit; | (c) miżuri li jappoġġaw ***il-komunitajiet*** u ***l-organizzazzonijiet reġjonali u*** lokali***, b'mod partikolari s-settur tas-sajd fuq skala żgħira,*** dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit***, fl-ilmijiet tat-territorji tiegħu bi status speċjali jew fl-ilmijiet koperti minn ftehimiet tas-sajd ma' stati kostali fejn l-opportunitajiet tas-sajd għall-flotot tal-UE naqsu b'riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit*** |

***mill-Unjoni***;

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) miżuri li jappoġġaw ***l-impjiegi***, ***inkluż permezz ta'*** skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi ***milquta***; | (d) miżuri li jappoġġaw ***il-ħolqien u l-protezzjoni tal-impjiegi***, ***inklużi impjiegi ekoloġiċi,*** skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi ***affettwati ħażin, u biex jittieħdu passi ta' akkomodazzjoni sabiex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll ta' persuni li jkollhom id-dritt jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jew fit-territorju ta' Stat Membru li jkunu telqu mir-Renju Unit minħabba l-ħruġ tiegħu***; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) miżuri li jiżguraw il-funzjonament tal-kontrolli tal-fruntieri, doganali, sanitarji u fitosanitarji, tas-sigurtà u tas-sajd, kif ukoll il-ġbir ta' tassazzjoni indiretta inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali; | (e) miżuri li jiżguraw il-funzjonament tal-kontrolli tal-fruntieri, doganali, sanitarji u fitosanitarji, tas-sigurtà u tas-sajd, kif ukoll il-ġbir ta' tassazzjoni indiretta***,*** inkluż ***bis-saħħa ta'*** persunal***, it-taħriġ tiegħu*** u infrastruttura addizzjonali; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) miżuri li jtaffu t-tħarbit ikkawżat mill-ħruġ tar-Renju Unit fil-programmi ta' kooperazzjoni u skambju*** |

| | |
|---|---|
| | ***transfruntiera lokali u reġjonali;*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas matul il-perjodu ta' referenza għall-miżuri mwettqa fl-Istat Membru kkonċernat jew għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. | 2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli ***għal kontribuzzjni finanzjarja mir-Riżerva*** jekk issir u titħallas ***mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali pubbliċi fl-Istati Membri, inklużi pagamenti lil entitajiet pubbliċi u/jew privati,*** matul il-perjodu ta' referenza għall-miżuri mwettqa fl-Istat Membru kkonċernat jew għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatt varjat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq reġjuni u komunitajiet lokali differenti u jiffukaw l-appoġġ mir-Riżerva fuq dawk l-aktar milquta***, kif xieraq***. | 3. Meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatt varjat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq reġjuni u komunitajiet lokali differenti u jiffukaw l-appoġġ mir-Riżerva fuq dawk l-aktar milquta ***ħażin***. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta jkunu qed ifasslu l-miżuri ta' appoġġ fil-qasam tas-sajd, l-Istati Membri għandhom iqisu l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd, filwaqt li jiżguraw li dawk il-miżuri jikkontribwixxu għall-*** |

***ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u għandhom jagħmlu ħilithom biex jappoġġaw lis-sajjieda li jkunu ntlaqtu l-agħar mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-sajd fuq skala żgħira.***

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. F'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarji tagħhom u f'konformità mal-prinċipju tas-sħubija stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) .../... [RDK ġdid], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu djalogu f'diversi livelli mal-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali u reġjonali tar-reġjuni u s-setturi l-aktar milquta ħażin, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, bil-għan li jiddefinixxu u jimplimentaw miżuri maqbula b'mod reċiproku li għandhom jiġu appoġġati mir-Riżerva kif ukoll mekkaniżmu ta' monitoraġġ.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli. | 4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli ***u mal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż il-kontribut inerenti tiegħu biex jelimina l-inugwaljanzi u jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tagħhom, iqis il-Patt Ekoloġiku Ewropew, jirrispetta l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"*** |

| | |
|---|---|
| | ***u jikkontribwixxi għall-miri ambjentali tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU*.** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Miżuri eliġibbli skont il-paragrafu 1 jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni sakemm dak l-appoġġ ma jkunx ikopri l-istess kost. | 5. Miżuri eliġibbli skont il-paragrafu 1 jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni sakemm dak l-appoġġ ma jkunx ikopri l-istess kost. ***L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti li jaġixxu bħala awtoritajiet ta' ġestjoni jew korpi intermedji għall-fondi Ewropej sabiex jiġi evitat kwalunkwe trikkib fil-finanzjament.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***Assistenza teknika*** |
| | ***Kull Stat Membru jista' juża sa 2,5 % tal-allokazzjoni tiegħu mir-Riżerva għall-assistenza teknika biex jgħin lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali jiġġestixxu, jimmonitorjaw, jikkomunikaw u jikkontrollaw l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda biex jikkumbattu l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u biex jgħinu lill-SMEs, b'mod partikolari, biex jegħlbu ż-żieda fil-piż u fl-ispejjeż amministrattivi.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-assistenza teknika għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar tar-Riżerva;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) nefqa li tappoġġa entitajiet tas-settur finanzjarju, inklużi entitajiet tas-settur bankarju, li bbenefikaw mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mir-Riżerva biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 biex jipprovdu forom ta' appoġġ li ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrbin u mħallsin ***mill-Istati*** Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri. | 2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mir-Riżerva biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 biex jipprovdu forom ta' appoġġ li ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrbin u mħallsin ***mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati*** Membri***, inklużi l-pagamenti magħmula lil entitajiet pubbliċi u/jew privati,*** fl-implimentazzjoni tal-miżuri ***u għal assistenza teknika***. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri li s-sehem tagħhom mir-riżorsi tar-Riżerva jiġi ddeterminat abbażi tal-ħut maqbud fl-ibħra li jappartjenu liż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tar-Renju Unit skont l-Anness I, għandhom jallokaw tal-anqas 7 % tal-ammont allokat proviżorjament għal miżuri b'appoġġ għall-komunitajiet lokali u reġjonali li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd, partikolarment is-settur tas-sajd fuq skala żgħira.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-kriterji ta' allokazzjoni ***għall-prefinanzjament*** li ***jrid jitħallas*** mill-Kummissjoni lill-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness I. | 1. Il-kriterji ta' allokazzjoni ***għar-riżorsi*** li ***jridu jitħallsu*** mill-Kummissjoni lill-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness I. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament fi żmien ***60*** jum mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dan għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11. | 3. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament fi żmien ***30*** jum mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dan għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva sat-30 ta' ***Settembru 2023***. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-applikazzjoni u tistabbilixxi jekk ikunux dovuti ammonti addizzjonali lill-Istati Membri jew jekk hemmx xi ammonti li jenħtieġ li jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11. | 1. L-Istati Membri għandhom***, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 5(3)(b),*** jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva sat-30 ta' ***Ġunju 2024***. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-applikazzjoni u tistabbilixxi jekk ikunux dovuti ammonti addizzjonali lill-Istati Membri jew jekk hemmx xi ammonti li jenħtieġ li jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta Stat Membru ma jippreżentax applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva ***sal-30*** ta' ***Settembru 2023***, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament lil dak l-Istat Membru. | 2. Meta Stat Membru ma jippreżentax applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva ***sat-30*** ta' ***Ġunju 2024***, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament lil dak l-Istat Membru. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-mudell stabbilit fl-Anness II. L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar in-nefqa | 1. L-applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-mudell stabbilit fl-Anness II. L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar in-nefqa totali |

*pubblika* totali mġarrba u mħallsa mill-Istati Membri u l-valuri tal-indikaturi tal-output għall-miżuri appoġġati. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmijin fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u minn rapport ta' implimentazzjoni.

mġarrba u mħallsa ***mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-Istati*** Membri***, inkluża d-distribuzzjoni territorjali tan-nefqa fil-livell NUTS 2,*** u l-valuri tal-indikaturi tal-output għall-miżuri appoġġati. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmijin fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u minn rapport ta' implimentazzjoni.

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) deskrizzjoni tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi ***u*** soċjali inkluża identifikazzjoni ***tar-reġjuni***, l-oqsma u ***s-setturi l-aktar milqutin***; | (a) deskrizzjoni tal-impatt ***negattiv*** tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi, soċjali***, territorjali u ambjentali,*** inkluża identifikazzjoni ***tas-setturi, ir-reġjuni***, l-oqsma u ***l-komunitajiet lokali li jkunu ntlaqtu l-agħar***; |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ca) fuq talba tal-Kummissjoni, ġabra ta' evidenza tal-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ fuq in-negozji u s-setturi ekonomiċi li jkunu ngħataw appoġġ mir-Riżerva, filwaqt li jitqies iċ-ċaqliq tas-setturi ekonomiċi mir-Renju Unit lejn l-Unjoni;*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) deskrizzjoni tal-kontribut tal-miżuri ***għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih***. | (e) deskrizzjoni tal-kontribut tal-miżuri ***għall-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tagħhom, għall-Aġenda Diġitali, għall-miri ambjentali tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u l-Ftehim ta' Pariġi, u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU***. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ammont ***totali*** tan-nefqa ***pubblika*** eliġibbli ***(l-"ammont*** aċċettat***")***; | (a) l-ammont tan-nefqa eliġibbli aċċettat; |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-ammont ta' assistenza teknika msemmi fl-Artikolu 5a;*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) is-somma tal-ammonti f'(a) u (aa) ("ammont totali aċċettat");*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jekk humiex dovuti ammonti addizzjonali lill-Istat Membru, f'konformità mal-paragrafu 3, jew jekk hemmx bżonn li jiġu rkuprati xi ammonti skont il-paragrafu ***5***. | (b) jekk humiex dovuti ammonti addizzjonali lill-Istat Membru, f'konformità mal-paragrafu 3, jew jekk hemmx bżonn li jiġu rkuprati xi ammonti skont il-paragrafu ***6***. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-ammont aċċettat jaqbeż ***kemm*** l-ammont ta' prefinanzjament ***kif ukoll 0,06 % tal-ING nominali tal-2021 tal-Istat Membru kkonċernat***, għandu jkun dovut lil dak l-Istat Membru ammont addizzjonali mill-allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3), il-punt (b), ***u kwalunkwe ammont riportat skont l-Artikolu 8(4)***. | Meta l-ammont ***totali*** aċċettat jaqbeż l-ammont ta' prefinanzjament ***imħallas***, għandu jkun dovut lil dak l-Istat Membru ammont addizzjonali mill-allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3), il-punt (b), ***sakemm jintlaħaq l-ammont allokat proviżorjament lill-Istat Membru f'konformità mal-Anness I***. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħallas l-ammont li jaqbeż il-prefinanzjament imħallas lill-Istat*** Membru ***kkonċernat jew 0,06 % tad-DNG nominali tal-2021, skont liema minnhom ikun l-ogħla***. | ***Il-parti tal-allokazzjoni proviżorja ta' Stat*** Membru ***li ma tkunx koperta mill-ammont totali aċċettat, kif ukoll kwalunkwe ammont riportat skont l-Artikolu 8(3), għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri li l-ammont totali aċċettat tagħhom jaqbeż l-allokazzjoni proviżorja mogħtija lilhom***. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta s-somma tal-ammonti addizzjonali għall-Istati Membri kollha ***kkalkulata*** skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu taqbeż ir-riżorsi disponibbli f'konformità mal-Artikolu 4(3), il-punt (b), il-kontribuzzjonijiet mir-Riżerva għandhom jitnaqqsu proporzjonalment. | Meta s-somma tal-ammonti addizzjonali ***kkalkulati*** għall-Istati Membri kollha skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu taqbeż ir-riżorsi disponibbli f'konformità mal-Artikolu 4(3), il-punt (b) ***u t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu***, il-kontribuzzjonijiet mir-Riżerva ***għall-ammonti li jaqbżu l-allokazzjonijiet proviżorji*** għandhom jitnaqqsu proporzjonalment. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-prefinanzjament rispettiv u tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut fi żmien ***60*** jum mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. | 5. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-prefinanzjament rispettiv u tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut fi żmien ***30*** jum mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Meta l-ammont aċċettat ikun inqas mill-prefinanzjament ***għall-Istat*** Membru kkonċernat, id-differenza għandha tiġi rkuprata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, u b'mod partikolari l-Parti I, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3, 4 u 5 tiegħu. L-ammonti rkuprati għandhom jiġu ttrattati bħala dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(3), il-punt (b), tar-Regolament | 6. Meta l-ammont ***totali*** aċċettat ikun inqas mill-prefinanzjament ***imħallas lill-Istat*** Membru kkonċernat, id-differenza għandha tiġi rkuprata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, u b'mod partikolari l-Parti I***, it-Titolu IV***, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3, 4 u 5 tiegħu. L-ammonti rkuprati għandhom jiġu ttrattati bħala dħul assenjat intern f'konformità mal- |

| | |
|---|---|
| Finanzjarju u, meta jkun ġie applikat it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom jintużaw biex jiżdiedu b'mod proporzjonali l-kontribuzzjonijiet imħallsin lill-Istati Membri eliġibbli għal ammonti addizzjonali skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sa massimu ta' 100 %. F'każ li jkunu saru pagamenti lill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu b'rata ta' 100 %, l-ammonti rkuprati għandhom jingħataw lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni. | Artikolu 21(3), il-punt (b), tar-Regolament Finanzjarju u, meta jkun ġie applikat it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom jintużaw biex jiżdiedu b'mod proporzjonali l-kontribuzzjonijiet imħallsin lill-Istati Membri eliġibbli għal ammonti addizzjonali skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sa massimu ta' 100 %. F'każ li jkunu saru pagamenti lill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu b'rata ta' 100 %, l-ammonti rkuprati għandhom jingħataw lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni. |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ammonti addizzjonali dovuti skont it-tieni sentenza tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Finanzjarju u l-impenn legali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tħallas kull ammont addizzjonali dovut fi żmien ***60*** jum mill-adozzjoni ta' dak l-att. | 7. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ammonti addizzjonali dovuti skont it-tieni sentenza tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Finanzjarju u l-impenn legali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tħallas kull ammont addizzjonali dovut fi żmien ***30*** jum mill-adozzjoni ta' dak l-att. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jkunu qed iwettqu kompiti relatati mal-implimentazzjoni tar-Riżerva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha, inklużi miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi, | 1. Meta jkunu qed iwettqu kompiti relatati mal-implimentazzjoni tar-Riżerva, l-Istati Membri***, inklużi, meta applikabbli, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali tagħhom,*** għandhom jieħdu l-miżuri |

| | |
|---|---|
| biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jiġifieri billi: | neċessarji kollha, inklużi miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi, biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jiġifieri billi: |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jinnominaw korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u korp tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi; | (a) jinnominaw***, fil-livell territorjali xieraq,*** korp, jew ***– meta jkun mitlub mill-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istat Membru – korpi***, responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u korp tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi; |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità ***tal-korpi*** nnominati ***u tal-korp*** li l-prefinanzjament għandu jitħallas lilu, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi jkunu tfasslu, fi żmien ***tliet xhur*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; | (d) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità ***tal-korp jew il-korpi*** nnominati li l-prefinanzjament għandu jitħallas lilu ***jew lilhom***, ***inklużi, meta applikabbli, il-korpi li lilhom ikunu ġew iddelegati kompiti u fondi mir-Riżerva,*** u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi jkunu tfasslu, fi żmien ***xahrejn*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu użu mill-korpi ***u mis-sistemi*** ta' ġestjoni u kontroll diġà fis-seħħ għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. | 2. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri ***għandhom*** jagħmlu użu mill-korpi ***fil-livell territorjali xieraq u jistgħu jagħmlu użu minn sistemi*** ta' ġestjoni u kontroll ***ġodda jew*** diġà fis-seħħ għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva ***għandu***: | 3. Il-korp ***jew il-korpi*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva ***għandhom***: |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-popolazzjoni tkun tikkonsisti f'inqas minn 300 unità tal-kampjunar, ikun jista' jintuża metodu ta' kampjunar mhux statistiku bbażat fuq il-ġudizzju professjonali tal-korp tal-awditjar indipendenti. F'każijiet bħal dawn id-daqs tal-kampjun għandu jkun biżżejjed biex jippermetti lill-korp tal-awditjar indipendenti jfassal opinjoni tal-awditjar valida. Il-metodu tal-kampjunar mhux statistiku għandu jkopri minimu ta' 10 % tal-unitajiet tal-kampjunar fil-popolazzjoni ***tas-sena kontabilistika***, magħżula b'mod aleatorju. | Meta l-popolazzjoni tkun tikkonsisti f'inqas minn 300 unità tal-kampjunar, ikun jista' jintuża metodu ta' kampjunar mhux statistiku bbażat fuq il-ġudizzju professjonali tal-korp tal-awditjar indipendenti. F'każijiet bħal dawn id-daqs tal-kampjun għandu jkun biżżejjed biex jippermetti lill-korp tal-awditjar indipendenti jfassal opinjoni tal-awditjar valida. Il-metodu tal-kampjunar mhux statistiku għandu jkopri minimu ta' 10 % tal-unitajiet tal-kampjunar fil-popolazzjoni ***tal-perjodu ta' referenza***, magħżula b'mod aleatorju. |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li ma jużax, għall-finijiet tar-Riżerva, is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea iżda li joħloq sistema ġdida, il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tivvaluta jekk is-sistema hijiex effikaċi u tipprovdix livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sistema mhijiex effikaċi u ma tipprovdix livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, hija għandha tirrakkomanda miżuri korrettivi lill-Istat Membru kkonċernat. Dak l-Istat Membru għandu jimplimenta dawk il-miżuri fi żmien xahrejn mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (f), għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha ***mill-Fond***. L-Istat Membru għandu jirkupra kwalunkwe ammont mitluf b'riżultat ta' xi irregolarità li tinstab. | 1. Il-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (f), għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha ***mir-Riżerva***. L-Istat Membru għandu jirkupra kwalunkwe ammont mitluf b'riżultat ta' xi irregolarità li tinstab. |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jinfurmaw u jippubbliċizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni bir-rwol, ir-riżultati u l-impatt tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni. | L-Istati Membri ***u r-reġjuni*** għandhom ikunu responsabbli biex jinfurmaw u jippubbliċizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni bir-rwol, ir-riżultati u l-impatt tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni ***sabiex itaffu l-impatt negattiv fuq in-negozji u s-setturi ekonomiċi, jevitaw ostakli amministrattivi u jsaħħu l-kampanji ta' informazzjoni tagħhom biex iqajmu kuxjenza dwar ir-regoli l-ġodda fis-seħħ wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u b'mod partikolari għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 jiġu infurmati dwar il-kontribuzzjoni mir-Riżerva bħala inizjattiva tal-Unjoni***. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-30 ta' Ġunju 2026, ***il-Kummissjoni għandha twettaq*** evalwazzjoni biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Riżerva. Il-Kummissjoni ***tista' tuża*** l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju. | 1. Sat-30 ta' Ġunju 2026, ***għandha titwettaq*** evalwazzjoni biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Riżerva. Il-Kummissjoni ***għandha tipprovdi*** l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Sal-30 ta' Ġunju ***2027,*** il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 2. Sat-30 ta' Ġunju ***2024*** il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***rapport dettaljat dwar il-proċess ta' implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk ikun hemm bżonn, u sat-30 ta' Ġunju 2027 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-Riżerva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – sottotitolu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Metodu ta' allokazzjoni ***għall-prefinanzjament*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit | Metodu ta' allokazzjoni ***għar-riżorsi*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Il-prefinanzjament*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ***għandu jitqassam*** bejn l-Istati Membri skont il-metodoloġija li ġejja: | ***Ir-riżorsi*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ***għandhom jitqassmu*** bejn l-Istati Membri skont il-metodoloġija li ġejja: |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Is-sehem ta' kull Stat Membru ***mill-prefinanzjament*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit huwa ddeterminat bħala s-somma ta' fattur marbut mal-ħut maqbud fl-ibħra li jappartjenu għaż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tar-Renju Unit ***u ta'*** fattur marbut mal-kummerċ mar-Renju Unit. | 1. Is-sehem ta' kull Stat Membru ***mir-riżorsi*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit huwa ddeterminat bħala s-somma ta' fattur marbut mal-ħut maqbud fl-ibħra li jappartjenu għaż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tar-Renju Unit**,** fattur marbut mal-kummerċ mar-Renju Unit ***u fattur marbut mal-popolazzjoni tar-reġjuni marittimi mal-fruntiera tar-Renju Unit***. |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-fattur marbut mal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jintuża biex jiġu allokati EUR 600 miljun. Il-fattur marbut mal-kummerċ jintuża biex jiġu allokati EUR ***3 400*** miljun. ***Iż-żewġ ammonti huma espressi*** fi prezzijiet tal-2018. | 2. Il-fattur marbut mal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jintuża biex jiġu allokati EUR 600 miljun. Il-fattur marbut mal-kummerċ jintuża biex jiġu allokati EUR ***4 150*** miljun. ***Il-fattur marbut mar-reġjuni marittimi mal-fruntiera jintuża biex jiġu allokati EUR 250 miljun. Kull wieħed minn dawn l-ammonti huwa espress*** fi prezzijiet tal-2018. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Anness I– paragrafu 1 – punt 3 – punt b – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) is-sehem inizjali tal-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru; | (ii) is-sehem inizjali tal-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru ***b'ponderazzjoni ta' 75 %***; |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) is-sehem inizjali tal-kummerċ mar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru; | c) is-sehem inizjali tal-kummerċ mar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru ***b'ponderazzjoni ta' 75 %***; |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 4 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| g) jekk dan il-kalkolu jwassal għal allokazzjoni li taqbeż ***0,35*** % tal-ING ta' Stat Membru (imkejjel f'Euro), l-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru tiġi limitata għal-livell ta' ***0.35 %*** tal-ING tiegħu. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu mill-ġdid lill-Istati Membri l-oħra, proporzjonalment mal-ishma mhux limitati tagħhom; | g) jekk dan il-kalkolu jwassal għal allokazzjoni li taqbeż ***0,36 %*** tal-ING ta' Stat Membru (imkejjel f'Euro), l-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru tiġi limitata għal-livell ta' ***0,36 %*** tal-ING tiegħu. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu mill-ġdid lill-Istati Membri l-oħra, proporzjonalment mal-ishma mhux limitati tagħhom; |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 4 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| h) jekk il-kalkolu msemmi fil-punt g)jirriżulta f'intensità ta' għajnuna ta' aktar minn EUR ***190/kull abitant***, l-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru tiġi limitata għal-livell li jikkorrispondi għal intensità ta' għajnuna ta' EUR ***190/kull abitant***. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu lill-Istati Membri li ma jkun impost fuqhom limitu taħt il-punti g) jew h), proporzjonalment għall-ishma tagħhom kif | h) jekk il-kalkolu msemmi fil-punt g)jirriżulta f'intensità ta' għajnuna ta' aktar minn EUR ***195/kull abitant***, l-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru tiġi limitata għal-livell li jikkorrispondi għal intensità ta' għajnuna ta' EUR ***195/kull abitant***. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu lill-Istati Membri li ma jkun impost fuqhom limitu taħt il-punti g) jew h), proporzjonalment għall-ishma tagħhom kif |

| | |
|---|---|
| ikkalkulati fil-punt g). | ikkalkulati fil-punt g). |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-fattur marbut mar-reġjuni marittimi tal-fruntiera jinkiseb billi jiġi kkalkulat is-sehem ta' kull Stat Membru fil-popolazzjoni totali tar-reġjuni marittimi mal-fruntiera tar-Renju Unit. Ir-reġjuni marittimi mal-fruntiera huma reġjuni tal-livell NUTS 3 tul il-fruntieri tal-kosta u reġjuni oħra tal-livell NUTS 3 li tal-anqas nofs il-popolazzjoni reġjonali tagħhom tgħix mhux aktar minn 25 kilometru mill-fruntieri tal-kosta. Il-fruntieri tal-kosta huma definiti bħala linji tal-kosta li jinsabu mhux aktar minn 150 km mil-linja tal-kosta tar-Renju Unit.*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 5 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Għall-finijiet tal-kalkolu tad-distribuzzjoni ***tal-prefinanzjament*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit: | 5. Għall-finijiet tal-kalkolu tad-distribuzzjoni ***tar-riżorsi*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit: |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 5 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***fa) għall-popolazzjoni tar-reġjuni fil-livell NUTS 3, il-perjodu ta' referenza għandu jkun l-2017.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***7a.*** | ***Korp jew korpi li lilhom ikunu ġew iddelegati kompiti u fondi mir-Riżerva, meta applikabbli*** | |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 8 – kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Deskrizzjoni ***qasira*** taż-żoni u s-setturi affettwati u tal-miżuri ta' rispons fis-seħħ | Deskrizzjoni taż-żoni u s-setturi affettwati u tal-miżuri ta' rispons fis-seħħ |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 8a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***8a.*** | ***Deskrizzjoni tad-djalogu f'diversi livelli u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ*** | |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – tabella – ringiela 9 – kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Nefqa ***pubblika*** totali mġarrba u mħallsa qabel it-tnaqqis | Nefqa totali mġarrba u mħallsa qabel it-tnaqqis |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 14a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***14a.*** | ***Distribuzzjoni territorjali tan-nefqa fil-livell NUTS 2*** | |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 15.1 – kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri li ***jgħinu*** lin-negozji u ***lill-komunitajiet*** lokali affettwati ***mill-irtirar*** | Miżuri li ***jagħtu appoġġ*** lin-negozji ***privati u pubbliċi, b'mod partikolari l-SMEs, dawk li jaħdmu għal rashom, il-komunitajiet*** lokali ***u l-organizzazzjonijiet*** affettwati ***ħażin mill-ħruġ*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 15.2 – kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri għall-appoġġ tas-setturi ekonomiċi l-aktar affettwati | Miżuri għall-appoġġ tas-setturi ekonomiċi l-aktar affettwati ***ħażin*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 15.3 – kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri ta' appoġġ ***għan-negozji u l-komunitajiet*** lokali li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit | Miżuri ta' appoġġ ***għall-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet reġjonali u*** lokali***, partikolarment is-settur tas-sajd fuq skala żgħira,*** li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit***, fl-ilmijiet tat-territorji tiegħu bi status speċjali u fl-ilmijiet koperti minn ftehimiet tas-sajd ma' Stati kostali fejn l-opportunitajiet tas-sajd għall-flotot tal-UE naqsu minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni***; |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 15.4 - kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri ***li jappoġġjaw*** l-impjiegi permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi affettwati | Miżuri ***ta' appoġġ għall-ħolqien tax-xogħol u*** l-impjiegi, ***inklużi impjiegi ekoloġiċi,*** skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi affettwati ***hażin u miżuri biex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll ta' persuni li jkollhom dritt jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jew fit-territorju ta' Stat Membru u li jkunu telqu mir-Renju Unit minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni*** |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 15.4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ***15.4a.*** | ***Miżuri biex jittaffa t-tħarbit ikkawżat mill-ħruġ tar-Renju Unit fil-programmi ta' kooperazzjoni u skambju transfruntiera lokali u reġjonali*** | | | |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 15.5 – kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-fruntieri, u l-kontrolli tas-sigurtà, inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali | Miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-fruntieri, u l-kontrolli tas-sigurtà, inkluż persunal***, it-taħriġ tagħhom*** u infrastruttura addizzjonali |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – tabella – ringiela 16 – kolonna 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Deskrizzjoni ***qasira*** / ammont<br>(eż l-użu ta' finanzjament mill-Politika ta' Koeżjoni/ REACT-EU/JTF/RRF/oħrajn **-** jekk jogħġbok speċifika) | Deskrizzjoni / ammont<br>(eż**.** l-użu ta' finanzjament mill-Politika ta' Koeżjoni/ REACT-EU/JTF/RRF/oħrajn – jekk jogħġbok speċifika) |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) is-sistemi ta' kontroll stabbiliti jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 1 – punt 1.3 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***aa)	meta applikabbli, il-korp jew il-korpi li lilhom ikunu ġew iddelegati kompiti u fondi mir-Riżerva (isem, indirizz u punt ta' kuntatt fil-korp):*** |

# NOTA SPJEGATTIVA

## 1. Introduzzjoni u kuntest tal-proposta

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ħareġ mill-Unjoni fl-1 ta' Frar 2020, meta daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-Ħruġ, li kien jinkludi dispożizzjonijiet għal perjodu ta' tranżizzjoni li dam għaddej sal-31 ta' Diċembru 2020.

Fl-24 ta' Diċembru 2020 iż-żewġ naħat ikkonkludew ftehim ġdid dwar il-kummerċ u l-ooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit biex jiġu limitati l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit u jiġi stabbilit qafas ta' kooperazzjoni li kellu jifforma l-bażi ta' sħubija futura b'saħħitha u kostruttiva, filwaqt li jiġu evitati l-aktar elementi ta' tħarbit f'xenarju ta' "ebda ftehim", u tingħata ċertezza tad-dritt għal terminu medju sa twil.

Madankollu, minħabba l-fatt li minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit m'għadux jipparteċipa fil-politiki tal-Unjoni, l-effetti ta' tħarbit fir-relazzjoni ekonomika, kummerċjali u soċjali diġà huma evidenti.

Għalkemm il-ħruġ jaffettwa lill-Unjoni kollha kemm hi, xi Stati Membri, reġjuni, setturi u negozji, speċjalment dawk li huma esposti b'mod sinifikanti għar-Renju Unit, se jintlaqtu b'mod aktar negattiv u mistennija jesperjenzaw telf ekonomiku u finanzjarju sinifikanti.

Ir-rapporteur ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, maqbula fil-laqgħa speċjali tiegħu ta' bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 2020, meta dawn il-konsegwenzi inevitabbli kienu diġà ġew antiċipati u meta ttieħdet id-deċiżjoni li tinħoloq ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ("ir-Riżerva") bħala għodda ta' solidarjetà li, permezz tagħha, l-aktar Stati Membri, reġjuni u setturi milquta kellhom jingħataw appoġġ biex jaffrontaw il-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li ssegwi l-ftehim tal-Kunsill Ewropew u jfakkar li din hija parti mit-tħejjija għal tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u tibni fuq, kif ukoll tikkomplementa, il-ħidma li saret mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri fil-kuntest tal-miżuri ta' tħejjija meħuda skont il-politiki rispettivi tal-Unjoni matul in-negozjati skont l-Artikolu 50 tat-TUE.

## 2. Għażla tal-istrument

Ir-rapporteur jilqa' l-fatt li l-proposta għar-Riżerva hija mnebbħa mill-esperjenza li ilha teżisti bil-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u l-politika ta' koeżjoni, filwaqt li tadatta ruħha għaċ-ċirkustanzi kompletament ġodda u l-objettiv li jiġu miġġielda l-effetti tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

Barra minn hekk, jilqa' l-fatt li r-regolament propost se jiġi adottat skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni u li r-Riżerva se tiġi implimentata b'ġestjoni kondiviża.

Huwa jaqbel mal-Kummissjoni li r-Riżerva għandha tqis is-sitwazzjoni bla preċedent għall-Istati Membri, l-uniċità tagħha u l-bżonn li dawn jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-

isfidi li jistgħu jinqalgħu għall-ekonomiji tagħhom.

## 3. Riżorsi mir-Riżerva

Ir-rapporteur jieħu nota tar-riżorsi massimi għall-implimentazzjoni tar-Riżerva – EUR 5 370 994 000 fi prezzijiet attwali – li għandhom jiġu ffinanzjati bħala strument speċjali barra mil-limiti massimi tal-baġit tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE.

Huwa jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-telf ekonomiku u finanzjarju globali relatat mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni għal xi Stati Membri, reġjuni, negozji u setturi pubbliċi kif ukoll privati se jkun wieħed sinifikanti iżda għadu ma jistax jiġi kkwantifikat. Għandu jiġi evitat li tinħoloq l-impressjoni li l-ammont globali disponibbli mir-Riżerva se jkun biżżejjed biex ikopri dan it-telf kollu.

## 4. Objettivi u kategoriji ta' miżuri eliġibbli

Ir-Riżerva se tipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi, partikolarment dawk li ntlaqtu l-agħar mill-ħruġ, bil-għan li jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Filwaqt li r-rapporteur jaqbel mal-lista mhux eżawrjenti u indikattiva tal-kategoriji eliġibbli ta' miżuri kif proposta mill-Kummissjoni, ir-rapporteur huwa tal-fehma li, biex jintlaħaq dan l-objettiv, parti sostanzjali mill-kontribuzzjoni tar-Riżerva għandha tintuża fuq miżuri ta' appoġġ għan-negozji, speċjalment l-SMEs, biex tippermettilhom jadattaw ruħhom għall-ambjent kummerċjali l-ġdid u jiġu protetti l-impjiegi.

Sabiex jiġi limitat ir-riskju li r-Riżerva tintuża biex jingħata appoġġ lil miżuri li jaf ma jikkontribwixxux għall-objettiv maħsub jew saħansitra ma jkunux eliġibbli u, konsegwentement, jiġi limitat ir-riskju li l-Istati Membri ma jingħatawx rimborż għall-ispejjeż tagħhom, ir-rapporteur jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-miżuri li għandhom jingħataw appoġġ.

## 5. Preallokazzjoni għas-settur tas-sajd

Ir-rapporteur jemmen li l-Ftehim dwar il-Ħruġ mhux biss intlaħaq fi stadju tardiv ħafna, iżda minħabba l-limitazzjoni maqbula fuq l-attivitajiet tas-sajd, dan is-settur se jkun wieħed mis-setturi li x'aktarx se jiġu affettwati b'mod sever. Għalhekk, huwa jipproponi li s-sehem tal-ammont totali tal-prefinanzjament li huwa marbut mal-ħut maqbud jiġi preallokat, għal kull Stat Membru, biex jintefaq fuq miżuri ta' appoġġ għan-negozji u l-komunitajiet lokali li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd.

## 6. Perjodu ta' eliġibbiltà u nefqa eliġibbli

Minħabba n-natura speċifika tar-Riżerva, ir-rapporteur jaqbel mal-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament qasir propost mill-Kummissjoni. Ir-rapporteur huwa tal-

fehma, madankollu, li l-perjodu ta' eliġibbiltà għandu jqis aktar il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex itaffu l-effetti ta' tfixkil mistennija minħabba l-ħruġ qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, u jissuġġerixxi li l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jkun mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2022. Ir-rapporteur ikompli jiċċara li l-kontribuzzjoni mir-Riżerva għandha tieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrba matul il-perjodu ta' referenza, inkluż fil-livell tal-benefiċjarji, u mħallsa sat-30 ta' Ġunju 2023 mill-Istati Membri għal miżuri mwettqa fl-Istat Membru.

## 7. Involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili

Meta jkunu qed ifasslu l-miżuri ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom jiffukaw partikolarment fuq ir-reġjuni, iż-żoni, il-komunitajiet lokali u n-negozji li se jkunu ntlaqtu l-agħar mill-ħruġ, inklużi dawk li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd, u r-rapporteur jixtieq jiżgura li l-Istati Membri jistabbilixxu djalogu f'diversi livelli tal-anqas mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-reġjuni u ż-żoni l-aktar milquta, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, billi dan l-involviment jgħin biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet u biex ir-Riżerva tiġi implimentata b'mod aktar effikaċi.

## 8. Prefinanzjament u ammont addizzjonali

Ir-rapporteur iqis li ż-żewġ fatturi – il-kummerċ fi prodotti u servizzi mar-Renju Unit u l-ħut maqbud fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit – magħżula u applikati mill-Kummissjoni fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-prefinanzjament tal-Istati Membri, juru r-rabtiet storikament b'saħħithom u r-relazzjonijiet mill-qrib f'termini ekonomiċi bejn l-Istati Membri individwali u r-Renju Unit. Huwa konxju mir-riskju li l-metodu ta' allokazzjoni magħżul jaf ma jirriflettix bis-sħiħ l-esponiment dirett jew indirett speċifiku tal-ekonomija ta' kull Stat Membru għar-Renju Unit, iżda l-metodoloġija tirrifletti biżżejjed l-ispirtu ta' solidarjetà li huwa l-bażi tal-istabbiliment tar-Riżerva, u għandha titqies ukoll fil-kuntest tan-negozjati konklużi reċentement dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u dwar Next Generation EU.

Ir-rapporteur jaqbel ukoll mal-proposta biex ir-Riżerva tiġi attivata f'żewġ rawnds ta' allokazzjonijiet, l-ewwel waħda (EUR 4 244 832 000) imħallsa fl-2021 bħala prefinanzjament u t-tieni waħda (EUR 1 126 162 000), imħallsa fl-2024 f'kontribuzzjonijiet addizzjonali, abbażi tan-nefqa reali, wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni u rapport ta' implimentazzjoni. Dan l-approċċ għandu jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr għas-sitwazzjoni eċċezzjonali u jirrispondu għall-effetti negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit b'mod aktar effikaċi.

## 9. Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva

L-Istati Membri se jkollhom żmien sat-30 ta' Settembru 2023 biex japplikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u jagħtu dettalji dwar in-nefqa mġarrba. Ir-rapporteur iqis li l-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lir-rapport ta' implimentazzjoni li se jkun qed jakkumpanja l-applikazzjoni, u li jiddeskrivi liema miżuri jkunu ttieħdu u kif ġew implimentati, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' ġestjoni u rapport tal-awditjar indipendenti. Għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà u l-adegwatezza tal-miżuri magħżula minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha dejjem tivverifika r-rabta diretta mal-ħruġ u tikkunsidra ċ-ċaqliq tal-

attività tas-setturi ekonomiċi mir-Renju Unit lejn l-Unjoni.

**10. Ġestjoni u kontroll**

Minħabba n-natura eċċezzjonali tal-ħruġ tar-Renju Unit, ir-rapporteur iqis li t-tfassil tar-Riżerva u d-derogi tagħha mir-Regolament Finanzjarju – prefinanzjament għoli b'mod mhux tas-soltu, it-tieni pagament, l-ebda impenn annwali, pagament u rappurtar annwali – huma xierqa, iżda jipproponi li l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-korpi maħtura eżistenti u s-sistemi għall-prevenzjoni tal-irregolaritajiet u tal-frodi stabbiliti skont ir-regoli ta' ġestjoni kondiviża li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE.

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-ħatra ta' korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, korp indipendenti tal-awditjar u korp li jirċievi l-prefinanzjament magħmul mill-Kummissjoni. Ir-rapporteur jixtieq jiċċara li l-Istati Membri għandhom jaħtru korpi addizzjonali, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, u jiddelegawlhom kompiti kif ukoll fondi mir-Riżerva, skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom.

**11. Komunikazzjoni u viżibbiltà**

Ir-rapporteur jaqbel mal-obbligu propost mill-Kummissjoni li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva u li jinfurmaw lill-benefiċjarji potenzjali, lill-parteċipanti u lill-pubbliku ġenerali dwar l-eżistenza tar-Riżerva, il-volum tagħha u l-appoġġ li jirriżulta minnha, billi l-attivitajiet ta' trasparenza, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni tkun viżibbli fuq il-post.

Barra minn hekk huwa jissuġġerixxi li l-benefiċjarji finali, b'mod partikolari, għandhom jiġu infurmati dwar il-kontribuzzjoni mir-Riżerva bħala inizjattiva tal-Unjoni.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, ir-rapporteur jieħu l-opportunità li jfakkar lill-Istati Membri li mhux l-UE biss għandha r-responsabbiltà li tikkomunika d-deċiżjonijiet u l-attivitajiet tagħha liċ-ċittadini tal-UE, iżda anki l-Istati Membri, sabiex iċ-ċittadini jkollhom aktar aċċess u jifhmu aħjar l-impatt tal-politiki tal-UE fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali.

11.5.2021

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit
(COM(2020)0854 – C9-0433/2020 – 2020/0380(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*) : Valérie Hayer

(*) Kumitat assoċjat – l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ[11] u ***se jdum*** sal-31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew | (1) Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ[11] u ***ntemm*** fil-31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew |

| | |
|---|---|
| negozjati formali dwar relazzjoni futura. | negozjati formali dwar relazzjoni futura. |
| [11] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7). | [11] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Wara tmiem il-perjodu ta'*** tranżizzjoni, ***se jkunu preżenti*** ostakli għall-kummerċ u għall-iskambji transfruntiera bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. ***Huma mistennija*** konsegwenzi wiesgħa u estensivi għan-negozji, iċ-ċittadini u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Dawk il-konsegwenzi ***ma jistgħux jiġu evitati u l-partijiet interessati jeħtieġ li jiżguraw li jkunu lesti għalihom***. | (2) ***Issa li*** l-perjodu ta' tranżizzjoni ***ntemm, hemm*** ostakli għall-kummerċ u għall-iskambji transfruntiera bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. ***Dan għandu*** konsegwenzi ***soċjali u ekonomiċi*** wiesgħa u estensivi għan-negozji , speċjalment ***l-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi***, iċ-ċittadini u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, ***il-komunitajiet u r-reġjuni lokali, inklużi proċeduri amministrattivi għall-għoti ta' servizzi u għan-negozji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni, biex b'hekk jinħolqu konġestjonijiet diffiċli fil-fruntieri, jiġi ostakolat il-kummerċ u jiġi ostakolat l-irkupru ekonomiku***. Jenħtieġ li dawk ***il-konsegwenzi jittaffew kemm jista' jkun***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-Unjoni hija impenjata li ttaffi l-impatt ekonomiku tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha, speċjalment dawk l-aktar affettwati f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn. | (3) L-Unjoni hija impenjata li ttaffi l-***impatti*** ekonomiċi, ***soċjali u territorjali*** tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri, mar-reġjuni u mas-setturi kollha, speċjalment dawk l-aktar affettwati f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn. ***Madankollu, għad hemm*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħafna inċertezzi assoċjati mal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit, li jagħmilha diffiċli li jiġi ddeterminat l-esponiment speċifiku tal-ekonomija ta' Stat Membru. Pereżempju, jistgħu jkunu mistennija riżultati pożittivi possibbli mill-moviment tas-setturi ekonomiċi ta' attività mir-Renju Unit lejn Unjoni.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta/ Aġġustament għall-Brexit (ir-Riżerva) biex tipprovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi**,** b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bil-għan li jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Jenħtieġ li tkopri kompletament jew parzjalment in-nefqa pubblika addizzjonali mġarrba mill-Istati Membri għal miżuri speċifikament meħuda biex itaffu dawk il-konsegwenzi. | (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-"Riżerva") biex tipprovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, ***u lill-ħaddiema u fil-komunitajiet lokali*** b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bil-għan li jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Jenħtieġ li tkopri kompletament jew parzjalment in-nefqa pubblika addizzjonali mġarrba mill-Istati Membri ***u mir-reġjuni*** għal miżuri speċifikament meħuda biex itaffu dawk il-konsegwenzi. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-reġjuni, iż-żoni ***u*** l-komunitajiet lokali, ***inklużi dawk dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit***, li x'aktarx jintlaqtu l-aktar ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit. ***L-*** | (5) Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq, u ***jallokaw fondi mir-Riżerva lil***, reġjuni, żoni, ***setturi, ħaddiema, organizzazzjonijiet, negozji***, komunitajiet lokali ***u setturi ekonomiċi*** li x'aktarx jintlaqtu l-aktar ħażin mill-ħruġ |

***Istati Membri jista' jkollhom jieħdu miżuri speċifiċi b'mod partikolari biex jappoġġaw lin-negozji u lis-setturi ekonomiċi affettwati b'mod negattiv mill-ħruġ.*** Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu ***dan l-objettiv***.

tar-Renju Unit***, pereżempju billi jipprovdu assistenza biex jinstabu swieq ġodda tal-esportazzjoni jew biex jiddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista u billi jagħtu attenzjoni speċjali lill-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi, peress li dawn għandhom it-tendenza li ma jkollhomx il-kapaċitajiet amministrattivi, ġuridiċi u finanzjarji biex iħejju u jimplimentaw pjanijiet ta' kontinġenza bl-għan li jiżguraw impjieg ta' kwalità. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinħolqu impjiegi ġodda ta' kwalità għolja f'dawk ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali partikolarment affettwati***. ***F'dan ir-rigward, ir-reġjuni, iż-żoni u l-komunitajiet lokali dipendenti ħafna fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.*** Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu ***dawn l-objettivi***.

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu speċifikati b'mod ċar kwalunkwe esklużjonijiet mill-appoġġ ipprovdut mir-Riżerva. Jenħtieġ li r-Riżerva teskludi mill-appoġġ it-taxxa fuq il-valur miżjud peress li din tikkostitwixxi dħul ta' Stat Membru, li jagħmel tajjeb għall-ispiża relatata għall-baġit tal-Istat Membru. Sa***biex jiġi kkonċentrat l-użu ta' riżorsi limitati bl-aktar mod effiċjenti, jenħtieġ li l-assistenza teknika użata mill-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Riżerva ma tkunx eliġibbli għal appoġġ mir-Riżerva. F'***konformità mal-approċċ ġenerali għall-politika ta' koeżjoni, jenħtieġ li ma tkunx appoġġjata n-nefqa marbuta mar-rilokazzjonijiet jew li tmur kontra kwalunkwe liġi tal-Unjoni jew nazzjonali | (6) Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu speċifikati b'mod ċar kwalunkwe esklużjonijiet mill-appoġġ ipprovdut mir-Riżerva. Jenħtieġ li r-Riżerva teskludi mill-appoġġ it-taxxa fuq il-valur miżjud peress li din tikkostitwixxi dħul ta' Stat Membru, li jagħmel tajjeb għall-ispiża relatata għall-baġit tal-Istat Membru. F'konformità mal-approċċ ġenerali għall-politika ta' koeżjoni, jenħtieġ li, ***fil-prinċipju***, ma tkunx appoġġjata n-nefqa marbuta mar-rilokazzjonijiet jew li tmur kontra kwalunkwe liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli. |

applikabbli.

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tar-Riżerva jintużaw bl-aktar mod effiċjenti, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħmlu użu minn ammont proporzjonat tal-allokazzjoni tagħhom għall-assistenza teknika għall-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Riżerva.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***Sabiex jitqies*** l-impatt ***immedjat*** tal-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom ***u l-ħtieġa*** li jiġu adottati miżuri ta' ***mitigazzjoni***, ***kif xieraq, qabel l-iskadenza*** tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà ***għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri*** jenħtieġ li jibda ***mill-1 ta' Lulju*** 2020 u ***jkun ikkonċentrat fuq perjodu limitat ta' 30 xahar***. | (7) ***Jenħtieġ li jiġi stabbilit il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex jittaffa u jiġi adattat l-***impatt tal-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom, ***filwaqt li jitqies li r-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni fl-1 ta' Frar 2020; li l-Istati Membri bdew*** jadottaw ***tali*** miżuri ***qabel tmiem*** il-perjodu ta' tranżizzjoni***; u li ċerti miżuri ta' kontroll fuq il-fruntiera***, ***bħal dawk imposti mir-Renju Unit fuq l-esportazzjonijiet tal-Unjoni, għandhom jiġu applikati b'mod progressiv.*** Il-perjodu ta' eliġibbiltà għandu ***għalhekk*** jibda ***fl-1 ta' Jannar*** 2020 u ***jdum sal-31 ta' Diċembru 2023***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(8a) L-azzjonijiet finanzjarji taħt ir-Riżerva jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-programmi u l-prijoritajiet tal-Unjoni u jikkomplementawhom, bħat-tranżizzjoni diġitali, tranżizzjoni klimatika ġusta u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jiġi evitat finanzjament doppju għall-istess nefqa.***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal impenji baġitarji, pagamenti, riporti u l-irkupru tar-Riżerva. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi possibbiltajiet ta' riport ta' fondi mhux użati lil hinn minn dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u b'hekk jimmassimizza l-kapaċità tar-Riżerva li tindirizza l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom. | (10) ***L-implimentazzjoni tar-Riżerva jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi l-prevenzjoni effettiva u l-prosekuzzjoni tal-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.*** Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal impenji baġitarji, pagamenti, riporti u l-irkupru tar-Riżerva. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, dan ir-Regolament, ***minħabba n-natura eċċezzjonali u speċifika ħafna tar-Riżerva,*** jenħtieġ li jipprevedi possibbiltajiet ta' riport ta' fondi mhux użati lil hinn minn dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u b'hekk jimmassimizza l-kapaċità tar-Riżerva li tindirizza l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi addizzjonali u biex jiżguraw mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jimplimentaw malajr il-miżuri taħt ir-Riżerva, ***fl-2021*** jenħtieġ li jiġi żborżat ammont sostanzjali minnhom bħala prefinanzjament. Il-metodu ta' distribuzzjoni jenħtieġ li jqis l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit u l-importanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit, abbażi ta' statistika affidabbli u uffiċjali. Minħabba n-natura unika tal-avveniment li jikkostitwixxi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-inċertezza madwar aspetti ewlenin tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa diffiċli li jiġu antiċipati l-miżuri xierqa li l-Istati Membri se jkollhom jieħdu malajr biex jilqgħu għall-effetti tal-ħruġ. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà u b'mod partikolari li l-Kummissjoni titħalla tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament li tipprovdi l-prefinanzjament mingħajr l-obbligu skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju li tipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu ffinanzjati. | (11) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi addizzjonali u jiżguraw mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jimplimentaw malajr il-miżuri taħt ir-Riżerva, jenħtieġ li jiġi żborżat ammont sostanzjali minnhom bħala prefinanzjament***, fi tliet pagamenti, fl-2021, fl-2022, u fl-2023***. Il-metodu ta' distribuzzjoni jenħtieġ li jqis l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit ***espress bħala perċentwal tal-PDG***, l-importanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit, ***l-importanza tar-rabtiet ġirien għar-reġjuni marittimi mal-fruntiera u l-komunitajiet tagħhom u l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit fis-suq intern,*** abbażi ***tal-aħħar*** statistika affidabbli u uffiċjali u ***jenħtieġ li jiżgura trattament ugwali tal-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, peress li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ma jindirizzax l-aċċess għas-suq għall-kumpaniji fis-settur tas-servizzi finanzjarji u minħabba li l-effetti konsegwenzjali pożittivi huma diġà viżibbli fl-Unjoni, bħar-rilokazzjoni ta' għadd ta' attivitajiet, dan is-settur għandu jiġi eskluż mill-volum globali ta' prodotti u servizzi kkunsidrati għall-kalkolu tal-fattur marbut mal-kummerċ fis-suq intern.*** Minħabba n-natura unika tal-avveniment li jikkostitwixxi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-inċertezza madwar aspetti ewlenin tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa diffiċli li jiġu antiċipati l-miżuri xierqa li l-Istati Membri se jkollhom jieħdu malajr biex jilqgħu għall-effetti tal-ħruġ. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà u b'mod partikolari li l-Kummissjoni titħalla tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament li tipprovdi l-prefinanzjament mingħajr l-obbligu skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju li tipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu |

ffinanzjati.

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Qabel il-pagament tal-prefinanzjament, l-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | (12) Qabel il-pagament tal-prefinanzjament, l-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru l-korp jew korpi rilevanti fil-livell territorjali xieraq, f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, jenħtieġ li jkun hemm skadenza waħda applikabbli għall-Istati Membri kollha għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva. In-natura speċifika tal-istrument u l-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament qasir jiġġustifikaw l-istabbiliment ta' perjodu ta' referenza mfassal apposta u jrendu sproporzjonat ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jipprovdu d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju, fuq bażi annwali. Peress li fl-istess ħin, ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni huma mitigati mir-rekwiżit ***li tiġi stabbilita sistema*** solida ta' ġestjoni u kontroll ***mill-Istati Membri***, huwa | (13) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, jenħtieġ li jkun hemm skadenza waħda applikabbli għall-Istati Membri kollha għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva. In-natura speċifika tal-istrument u l-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament qasir jiġġustifikaw l-istabbiliment ta' perjodu ta' referenza mfassal apposta u jrendu sproporzjonat ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jipprovdu d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju, fuq bażi annwali. Peress li fl-istess ħin, ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni huma mitigati mir-rekwiżit li l-***Istati Membri jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom, jew joħolqu, sistemi*** |

| | |
|---|---|
| ġġustifikat li ssir deroga mill-obbligu li jiġu ppreżentati d-dokumenti meħtieġa fi Frar jew Marzu ta' kull sena. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-korrettezza tal-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Riżerva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati wkoll jissottomettu, bħala parti mill-applikazzjoni, rapporti ta' implimentazzjoni li jipprovdu aktar dettall dwar l-azzjonijiet iffinanzjati, dikjarazzjoni ta' ġestjoni kif ukoll opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar, imfassla ***skont*** standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. | solidi ta' ġestjoni u kontroll, huwa ġġustifikat li ssir deroga mill-obbligu li jiġu ppreżentati d-dokumenti meħtieġa fi Frar jew Marzu ta' kull sena. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-korrettezza tal-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Riżerva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati wkoll jissottomettu, bħala parti mill-applikazzjoni, rapporti ta' implimentazzjoni li jipprovdu aktar dettall dwar l-azzjonijiet iffinanzjati, ***l-elementi tal-kontijiet, sommarju tar-rapporti tal-awditjar finali u l-kontrolli mwettqa***, dikjarazzjoni ta' ġestjoni kif ukoll opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar, imfassla ***f'konformità*** standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. ***Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' ġestjoni u kontroll u l-implimentazzjoni fil-pront tar-Riżerva, il-Kummissjoni għandha torganizza sessjonijiet ta' informazzjoni għall-Istati Membri u tfassal gwida għall-implimentazzjoni.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[13], hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva. | (14) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[13], hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri ***u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali***. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva. |

[13] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

[13] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, ***u*** tirkupra l-ammonti mhux użati. ***Sabiex l-appoġġ jiġi kkonċentrat fuq l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-ħruġ***, f***ejn in-nefqa fl-Istat Membru kkonċernat, aċċettata bħala eliġibbli mill-Kummissjoni, taqbeż l-ammont imħallas bħala prefinanzjament u 0.06 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) nominali għall-2021 tal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi permessa allokazzjoni ulterjuri mir-Riżerva għal dak l-Istat Membru*** fil-limiti tar-***riżorsi finanzjarji disponibbli***. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, ***jenħtieġ li jsir provvediment għall-possibbiltà li jintużaw l***-ammonti rkuprati mill-***prefinanzjament għar-rimborż tan-nefqa addizzjonali*** mill-Istati Membri. | (15) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, tirkupra l-ammonti mhux użati, ***u tiddeċiedi dwar pagamenti addizzjonali sal***-limiti tal-***allokazzjoni proviżorja***. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, l-ammonti ***mhux użati*** mill-a***llokazzjoni proviżorja jenħtieġ li jkunu disponibbli għall***-Istati Membri ***li l-ammont totali aċċettat tagħhom jaqbeż l-allokazzjoni proviżorja rispettiva tagħhom***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. ***Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni***, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu użu mill-***korpi u s-sistemi*** maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura. | (16) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. ***Jenħtieġ*** li l-Istati Membri jagħmlu użu ***mis-sistemi eżistenti u jenħtieġ li jiddelegaw il-kompiti lill-korpi*** maħtura ***inklużi dawk fil-livelli reġjonali u lokali***, stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura. ***Meta jinħolqu korpi ġodda mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tivvaluta jekk jipprovdux biżżejjed protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura approċċ ta' awditjar konsistenti u komparabbli fl-Istati Membri kollha.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) ***Skont*** ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[14], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[16], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, | (17) ***F'konformità*** mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[14], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[16] ***u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 dwar reġim*** |

inklużi l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew li ntużaw b'mod mhux korrett u, fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, ***skont*** ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrativi, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. ***Skont*** ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996

***ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni***, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew li ntużaw b'mod mhux korrett u fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, ***f'konformità*** mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrativi, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. ***F'konformità*** mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996

| | |
|---|---|
| dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2). | dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2). |
| [16] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1). | [16] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1). |
| [17] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1). | [17] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1). |
| [18] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29). | [18] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29). |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva u jinfurmaw lill-pubbliku kif xieraq peress li l-attivitajiet ta' trasparenza, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fuq il-post. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża u aġġornata. | (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva u jinfurmaw lill-pubbliku ***u lir-riċevituri b'mod partikolari*** kif xieraq peress li l-attivitajiet ta' trasparenza, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fuq il-post. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża u aġġornata. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapport finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Riżerva. | (19) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapport finali ***indipendenti li jinkludi analiżi għal kull Stat Membru*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Riżerva. ***Ir-rapport għandu jevalwa b'mod partikolari jekk ir-riżorsi ntużawx b'mod effettiv u effiċjenti u pprovdewx valur miżjud tal-UE. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tirrapporta wkoll sa liema punt il-miżuri tal-Istati Membri taffew il-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri, ir-reġjuni, il-komunitajiet lokali, is-setturi, in-negozji, inklużi l-SMEs, u fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill-1 ta' ***Lulju*** 2020 sal-31 ta' Diċembru ***2022***; | (1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill-1 ta' ***Jannar*** 2020 sal-31 ta' Diċembru ***2023***; |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Riżerva għandha tipprovdi appoġġ biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-Istati Membri, fir-reġjuni ***u*** fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta minn dak il-ħruġ, u biex jittaffa l-impatt relatat fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. | Ir-Riżerva għandha tipprovdi appoġġ biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-Istati Membri, fir-reġjuni, ***fil-komunitajiet lokali,*** fis-setturi, ***fl-organizzazzjonijiet, fin-negozji, speċjalment l-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi u għall-ħaddiema***, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta minn dak il-ħruġ, u biex jittaffa l-impatt relatat fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri kollha għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mir-Riżerva . | 1. L-Istati Membri kollha għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mir-Riżerva . ***L-Istati Membri għandhom jallokaw tali appoġġ primarjament lir-reġjuni l-aktar milquta.*** |
| 2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' EUR ***5 370 994 000*** fi prezzijiet attwali. | 2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' ***5 000 000 000*** skont il-prezzijiet tal-***2018***. |
| 3. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati kif ġej: | 3. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati ***b'mod proviżorju skont il-metodu stabbilit fl-Anness I. Għandhom ikunu disponibbli*** kif ġej: |
| (a) ammont ta' prefinanzjament ta' EUR ***4 244 832 000*** għandu jkun disponibbli ***fl-2021*** f'konformità mal-Artikolu 8; | (a) ammont ta' prefinanzjament ta' EUR ***4 000 000 000 skont il-prezzijiet tal-2018*** għandu jkun disponibbli u ***mħallas fi tliet pagamenti mill-2021 sal-2023*** f'konformità mal-Artikolu 8 ***u jkun maqsum kif ġej***: |
| | ***(i) EUR 1 600 000 000 skont il-prezzijiet tal-2018 fl-2021;*** |
| | ***(ii) EUR 1 200 000 000 skont il-prezzijiet tal-2018 fl-2022;*** |
| | ***(iii) EUR 1 200 000 000 skont il-prezzijiet tal-2018 fl-2023***; |

| | |
|---|---|
| (b) ammonti addizzjonali ta' EUR ***1 126 162 000*** għandhom ikunu disponibbli fl-***2024*** f'konformità mal-Artikolu 11. | (b) ammonti addizzjonali ta' EUR ***1 000 000 000 skont il-prezzijiet tal-2018*** għandhom ikunu disponibbli fl-2025 f'konformità mal-Artikolu 11. |
| L-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitqiesu bħala prefinanzjament fis-sens tal-Artikolu 115(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Finanzjarju. | L-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitqiesu bħala prefinanzjament fis-sens tal-Artikolu 115(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Finanzjarju. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandha tappoġġa biss in-nefqa pubblika marbuta direttament ma' miżuri meħuda speċifikament mill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, u tista' tkopri, b'mod partikolari dan li ġej: | 1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandha tappoġġa biss in-nefqa pubblika marbuta direttament ma' miżuri meħuda speċifikament mill-Istati Membri ***u l-awtoritajiet reġjonali***, biex jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, u tista' tkopri, b'mod partikolari dan li ġej: |
| (a) miżuri li jgħinu n-negozji u l-komunitajiet lokali milquta ħażin mill-ħruġ; | (a) miżuri li ***jappoġġaw u*** jgħinu lin-negozji, ***b'mod partikolari lill-SMEs inkluż intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, lill-ħaddiema*** u l-komunitajiet lokali milquta ħażin mill-ħruġ, ***b'mod partikolari r-reġjuni l-aktar milquta***; |
| (b) miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta; | (b) miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta***, u lil dawk impjegati magħhom***; |
| (c) miżuri li jappoġġaw in-negozji u l-komunitajiet lokali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit; | (c) miżuri li jappoġġjaw in-negozji, ***speċjalment l-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi, il-ħaddiema*** u l-komunitajiet lokali li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit, ***b'mod partikolari dawk li ma jistgħux jirrilokaw l-attivitajiet tagħhom f'ilmijiet differenti***; |
| | ***(ca) miżuri li jappoġġaw lis-sajjieda u lill-operaturi għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd kif definit fi [ir-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Regolament (UE) Nru XX/20XX (ir-Regolament FEMSA)] u l-kumpens għall-operaturi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż l-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, għad-dħul tagħhom mitluf jew spejjeż addizzjonali minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-aċċess dejjem jonqos għall-ilmijiet tar-Renju Unit;*** |
| (d) miżuri li jappoġġaw l-impjiegi, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi milquta; | (d) miżuri li jappoġġaw ***l-impjiegi, l-inklużjoni u l-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment f'dawk ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali l-aktar milquta, bil-għan li jiġu żgurati*** impjiegi ***ta' kwalità***, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u ***titjib tal-ħiliet u*** taħriġ fis-setturi milquta***, inkluż is-settur tat-turiżmu***; |
| (e) miżuri li jiżguraw il-funzjonament tal-kontrolli tal-fruntieri, doganali, sanitarji u fitosanitarji, tas-sigurtà u tas-sajd, kif ukoll il-ġbir ta' tassazzjoni indiretta inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali; | (e) miżuri li jiżguraw il-funzjonament tal-kontrolli tal-fruntieri, doganali, sanitarji u fitosanitarji, tas-sigurtà u tas-sajd, kif ukoll il-ġbir ta' tassazzjoni indiretta inkluż persunal, ***taħriġ*** u infrastruttura addizzjonali; |
| (f) miżuri biex jiffaċilitaw ir-reġimi għaċ-ċertifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti, biex jassistu fl-ilħuq tar-rekwiżiti ta' stabbiliment, biex jiffaċilitaw it-tikkettar u l-immarkar, pereżempju għal standards tas-sikurezza, tas-saħħa u ambjentali, kif ukoll biex jassistu fir-rikonoxximent reċiproku; | (f) miżuri biex jiffaċilitaw ir-reġimi għaċ-ċertifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti, biex jassistu fl-ilħuq tar-rekwiżiti ta' stabbiliment, biex jiffaċilitaw it-tikkettar u l-immarkar, pereżempju għal standards tas-sikurezza, tas-saħħa u ambjentali ***u soċjali***, kif ukoll biex jassistu fir-rikonoxximent reċiproku, ***inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali***; |
| | ***(fa) miżuri mfassla biex jappoġġaw l-integrazzjoni mill-ġdid taċ-ċittadini tal-Unjoni li jitilqu mir-Renju Unit, bħall-assistenza u l-gwida;*** |
| (g) miżuri għall-komunikazzjoni, l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji dwar il-bidliet li jirriżultaw mill-ħruġ fuq id-drittijiet u l-obbligi tagħhom**.** | (g) miżuri għall-komunikazzjoni***, konsulenza ġuridika***, l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji dwar il-bidliet li jirriżultaw mill-ħruġ fuq id-drittijiet u l-obbligi tagħhom***;*** |
| | ***(ga) Assistenza teknika għall-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Riżerva,*** |

| | |
|---|---|
| | ***sa massimu ta' 2.5 % tal-allokazzjoni ta' Stat Membru għall-Istati Membri b'allokazzjoni ta' anqas minn EUR 30 miljun,*** |
| | ***sa massimu ta' EUR 750 000 għall-Istati Membri b'allokazzjoni ta' bejn EUR 30 miljun u EUR 50 miljun,*** |
| | ***sa massimu ta' 1.5 % tal-allokazzjoni ta' Stat Membru għall-Istati Membri b'allokazzjoni ta' aktar minn EUR 50 miljun.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas matul il-perjodu ta' referenza għall-miżuri mwettqa fl-Istat Membru kkonċernat jew għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. | 2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas, ***kemm fil-livelli tal-korpi maħtura kif ukoll tar-riċevituri finali***, matul il-perjodu ta' referenza għall-miżuri mwettqa fl-Istat Membru ***u r-reġjun*** kkonċernat jew għall-benefiċċju tal-Istat Membru ***jew reġjun*** ikkonċernat. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatt varjat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq reġjuni u komunitajiet lokali differenti u jiffukaw l-appoġġ mir-Riżerva fuq dawk l-aktar milquta, kif xieraq. | 3. Meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatt varjat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq reġjuni u komunitajiet lokali differenti u jiffukaw l-appoġġ mir-Riżerva fuq dawk l-aktar milquta, kif xieraq. ***L-Istati Membri għandhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjonijiet sinifikanti, inklużivi u aċċessibbli mal-partijiet interessati rilevanti, inklużi s-sħab soċjali.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Riżerva ma għandhiex tappoġġa: | Ir-Riżerva ma għandhiex tappoġġa: |
| (a) it-taxxa fuq il-valur miżjud; | (a) it-taxxa fuq il-valur miżjud; |
| ***(b) l-assistenza teknika għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar tar-Riżerva;*** | |
| (c) nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2(6); | (c) nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2(6); |
| (d) nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(16) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, meta kontribuzzjoni mir-Riżerva tkun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat**.** | (d) nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(16) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, meta kontribuzzjoni mir-Riżerva tkun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. |
| | ***(da) miżuri li jappoġġaw dawk il-partijiet tas-settur finanzjarju u bankarju li huma affettwati b'mod pożittiv mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;*** |
| | ***(db) miżuri li ma jirrispettawx l-objettivi ambjentali tal-Unjoni, il-Ftehim ta' Pariġi, il-"prinċipju tagħmilx ħsara" kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jew l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mir-Riżerva biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 biex jipprovdu forom ta' appoġġ li ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjoni tal- | 2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mir-Riżerva biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 biex jipprovdu forom ta' appoġġ li ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| Unjoni għandha tieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrbin u mħallsin mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri. | Unjoni għandha tieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrbin u mħallsin mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri, ***kemm fil-livelli tal-korpi maħtura kif ukoll tar-riċevituri finali***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru ***2025***. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom jiġu kkonsmati l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara. | 5. B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru ***2026***. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom jiġu kkonsmati l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Il-kriterji ta' allokazzjoni għall-prefinanzjament li jrid jitħallas mill-Kummissjoni lill-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness I.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament fi żmien ***60*** jum mid-data | 3. Il-Kummissjoni għandha tħallas ***il-pagament tal-2021 tal-***prefinanzjament fi |

| | |
|---|---|
| tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. ***Dan*** għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11. | żmien***30*** jum mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. ***Il-pagamenti tal-2022 u l-2023 tal-prefinanzjament għandhom jitħallsu f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni. Il-prefinanzjament*** għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva sat-30 ta' Settembru ***2023***. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-applikazzjoni u tistabbilixxi jekk ikunux dovuti ammonti addizzjonali lill-Istati Membri jew jekk hemmx xi ammonti li jenħtieġ li jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11. | 1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva sat-30 ta' Settembru ***2024***. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-applikazzjoni u tistabbilixxi jekk ikunux dovuti ammonti addizzjonali lill-Istati Membri jew jekk hemmx xi ammonti li jenħtieġ li jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta Stat Membru ma jippreżentax applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva sal-30 ta' Settembru ***2023***, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament lil dak l-Istat Membru. | 2. Meta Stat Membru ma jippreżentax applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva sal-30 ta' Settembru ***2024***, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament lil dak l-Istat Membru. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-mudell stabbilit fl-Anness II. L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar in-nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa mill-Istati Membri ***u*** l-valuri tal-indikaturi tal-output għall-miżuri appoġġati. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmijin fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u minn rapport ta' implimentazzjoni. | 1. L-applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-mudell stabbilit fl-Anness II. L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar in-nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa mill-Istati Membri***, diżaggregata skont ir-reġjun NUTS 2 li fih tkun iġġarrbet in-nefqa,*** u l-valuri tal-indikaturi tal-output ***u tar-riżultati u, meta jkun fattibbli,*** l-indikaturi tal-***impatt*** għall-miżuri appoġġati. ***Għal kull indikatur l-applikant għandu jassenja, fejn xieraq, sett ta' miri biex ikejjel l-effettività tan-nefqa***. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u minn rapport ta' implimentazzjoni ***li jinkludi ġustifikazzjoni tad-distribuzzjoni tal-infiq bejn ir-reġjuni NUTS 2 li juru li l-appoġġ ġie primarjament allokat għar-reġjuni l-aktar milquta, fejn rilevanti***. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-applikazzjonijiet u d-dokumenti li jakkumpanjawhom.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rapport ta' implimentazzjoni għar-Riżerva għandu jinkludi: | 2. Ir-rapport ta' implimentazzjoni għar-Riżerva għandu jinkludi: |
| (a) deskrizzjoni tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi ***u*** soċjali inkluża identifikazzjoni tar-reġjuni, l-oqsma ***u*** s-setturi l-aktar milqutin; | (a) deskrizzjoni tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi, soċjali ***u ambjentali speċjalment dwar l-impjieg,*** inkluża identifikazzjoni tar-reġjuni, l-oqsma, is-setturi ***u l-ħaddiema*** l-aktar milqutin; |
| (b) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġu mitigata l-konsegwenzi | (b) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġu mitigata l-konsegwenzi |

| | |
|---|---|
| negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ta' kemm dawk il-miżuri taffew l-impatt reġjonali u settorjali msemmi fil-punt (a), u kif ġew implimentati; | negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ***dwar*** kemm dawk il-miżuri taffew l-impatt reġjonali, ***lokali*** u settorjali msemmi fil-punt (a), u dwar ***kif*** ġew implimentati***, kif ukoll deskrizzjoni dwar jekk il-miżuri ħolqux impjiegi ta' kwalità għolja f'dawk ir-reġjuni u komunitajiet lokali partikolarment affettwati***; |
| (c) ġustifikazzjoni tal-eliġibbiltà tan-nefqa mġarrba u mħallsa u r-rabta diretta tagħha mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni; | (c) ġustifikazzjoni tal-eliġibbiltà tan-nefqa mġarrba u mħallsa u r-rabta diretta tagħha mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni***, kif ukoll evalwazzjoni dwar jekk il-miżuri meħuda jirrispettawx l-esklużjonijiet mill-appoġġ stipulat fl-Artikolu 6***; |
| (d) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġi evitat finanzjament doppju u biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni u mal-finanzjament nazzjonali; | (d) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġi evitat finanzjament doppju u biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni u mal-finanzjament nazzjonali, ***inkluża identifikazzjoni ta' dawk il-miżuri li rċevew finanzjament komplementari minn strumenti oħra tal-Unjoni jew finanzjament nazzjonali u deskrizzjoni tal-finanzjament komplementari li rċevew***; |
| (e) deskrizzjoni tal-kontribut tal-miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. | (e) deskrizzjoni tal-kontribut tal-miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih ***u għat-tranżizzjoni diġitali, fejn rilevanti***. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Abbażi tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi dan li ġej***:*** | 2. Abbażi tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi dan li ġej: |
| (a) l-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli (l-"ammont aċċettat"); | (a) l-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli (l-"ammont aċċettat"); |
| | ***(aa) l-ammont ta' assistenza teknika kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 5(1)(ga);*** |

| | |
|---|---|
| | ***(ab) is-somma tal-ammonti f'(a) u (aa) ('ammont totali aċċettat');*** |
| (b) jekk humiex dovuti ammonti addizzjonali lill-Istat Membru, f'konformità mal-paragrafu 3, jew jekk hemmx bżonn li jiġu rkuprati xi ammonti skont il-***paragrafu 5***. | (b) jekk humiex dovuti ammonti addizzjonali lill-Istat Membru, f'konformità mal-paragrafu 3, jew jekk hemmx bżonn li jiġu rkuprati xi ammonti skont il-***paragrafu 6***. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta l-ammont aċċettat jaqbeż ***kemm*** l-ammont ta' prefinanzjament ***kif ukoll 0,06 % tal-ING nominali tal-2021 tal-Istat Membru kkonċernat***, għandu jkun dovut lil dak l-Istat Membru ammont addizzjonali mill-allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3), il-punt (b), u kwalunkwe ammont riportat skont l-Artikolu 8(4). | 3. Meta l-ammont aċċettat jaqbeż l-ammont ta' prefinanzjament ***imħallas***, għandu jkun dovut lill-Istat Membru kkonċernat ammont addizzjonali mill-allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3), il-punt (b), ***sakemm jintlaħaq l-ammont allokat b'mod provviżorju lill-Istat Membru f'konformità mal-Anness I***. |
| | ***Il-parti tal-allokazzjoni proviżorja ta' Stat Membru mhux koperta mill-ammont totali aċċettat***, u kwalunkwe ammont riportat skont l-Artikolu 8(4) ***għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri li l-ammont totali aċċettat tagħhom jaqbeż l-allokazzjoni proviżorja tagħhom***. |
| ***F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħallas l-ammont li jaqbeż il-prefinanzjament imħallas lill-Istat Membru kkonċernat jew 0,06 % tad-DNG nominali tal-2021, skont liema minnhom ikun l-ogħla.*** | |
| Meta s-somma tal-ammonti addizzjonali għall-Istati Membri kollha ***kkalkulata*** skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu taqbeż ir-riżorsi disponibbli f'konformità mal-Artikolu 4(3), il-punt (b), il-kontribuzzjonijiet mir-Riżerva għandhom jitnaqqsu proporzjonalment. | Meta s-somma tal-ammonti addizzjonali għall-Istati Membri kollha ***kkalkulata*** skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu taqbeż ir-riżorsi disponibbli f'konformità mal-Artikolu 4(3), il-punt (b), ***u t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu,***il-kontribuzzjonijiet mir-Riżerva ***għall-ammonti li jeċċedu l-allokazzjonijiet proviżorji*** għandhom |

jitnaqqsu proporzjonalment.

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-prefinanzjament rispettiv u tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut fi żmien ***60*** jum mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. | 5. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-prefinanzjament rispettiv u tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut fi żmien ***30*** jum mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Meta l-ammont aċċettat ikun inqas mill-prefinanzjament ***għall***-Istat Membru kkonċernat, id-differenza għandha tiġi rkuprata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, u b'mod partikolari l-Parti I, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3, 4 u 5 tiegħu. L-ammonti rkuprati għandhom jiġu ttrattati bħala dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(3), il-punt (b), tar-Regolament Finanzjarju u, meta jkun ġie applikat it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom jintużaw biex jiżdiedu b'mod proporzjonali l-kontribuzzjonijiet imħallsin lill-Istati Membri eliġibbli għal ammonti addizzjonali f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sa massimu ta' 100 %. F'każ li jkunu saru pagamenti lill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu b'rata ta' 100 %, l-ammonti rkuprati għandhom jingħataw lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni. | 6. Meta l-ammont aċċettat ikun inqas mill-prefinanzjament ***imħallas*** lill-Istat Membru kkonċernat, id-differenza għandha tiġi rkuprata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, u b'mod partikolari l-Parti I, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3, 4 u 5 tiegħu. L-ammonti rkuprati għandhom jiġu ttrattati bħala dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(3), il-punt (b), tar-Regolament Finanzjarju u, meta jkun ġie applikat it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom jintużaw biex jiżdiedu b'mod proporzjonali l-kontribuzzjonijiet imħallsin lill-Istati Membri eliġibbli għal ammonti addizzjonali f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sa massimu ta' 100 %. F'każ li jkunu saru pagamenti lill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu b'rata ta' 100 %, l-ammonti rkuprati għandhom jingħataw lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jinnominaw korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u korp tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi; | (a) jinnominaw korp***, jew korpi meta jkun meħtieġ mill-qafas kostituzzjonali tal-Istat Membru, korpi*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u ***korp*** tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi ***nnominati*** u tal-korp li l-prefinanzjament għandu jitħallas lilu, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi jkunu tfasslu, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; | (d) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi ***maħtura*** u l-korp ***jew korpi***li l-prefinanzjament għandu jitħallas lilhom, ***u tal-korpi maħtura, inkluż, fejn applikabbli, il-korpi li ġew iddelegati b'kompiti u b'fondi mir-Riżerva,*** u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi jkunu tfasslu, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi u mis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll diġà fis-seħħ għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. | 2. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi, ***inkluż fil-livelli reġjonali u lokali,*** u mis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll diġà fis-seħħ għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. |

Emenda 42

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandu: | 3. Il-korp ***jew korpi*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandhom: |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-verifiki tal-miżuri ffinanzjati għandhom ikopru n-nefqa abbażi ta' kampjun. ***Dak il-kampjun għandu jkun rappreżentattiv u għandu jkun ibbażat fuq metodi tal-kampjunar statistiku.*** | Il-verifiki tal-miżuri ffinanzjati għandhom ikopru n-nefqa abbażi ta' kampjun. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sabiex jiġi żgurat approċċ ta' awditjar konsistenti u komparabbli fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandha tfassal definizzjonijiet dettaljati rigward il-metodoloġija tal-awditjar, inklużi l-metodoloġija ta' kampjunar u l-kwantifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji, u għandha tinnotifikahom lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Kunsill, lill-Parlament u lill-Qorti tal-Awdituri fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jużax, għall-finijiet tar-Riżerva, is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tiegħu stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea iżda li jistabbilixxi sistema ġdida, il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tivvaluta jekk is-sistema hijiex effettiva u tipprovdix livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.*** |
| | ***Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li s-sistema mhijiex effettiva u ma tipprovdix livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, hija għandha tirrakkomanda miżuri korrettivi lill-Istat Membru kkonċernat. Dak l-Istat Membru għandu jimplimenta dawk il-miżuri fi żmien xahrejn wara r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (f), għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha mill-***Fond***. L-Istat Membru għandu jirkupra kwalunkwe ammont mitluf b'riżultat ta' xi irregolarità li tinstab. | 1. Il-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (f), għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha mir-***Riżerva***. L-Istat Membru għandu jirkupra kwalunkwe ammont mitluf b'riżultat ta' xi irregolarità li tinstab. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jinfurmaw u jippubbliċizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni bir-rwol, ir-riżultati u l-impatt tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni. | L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jinfurmaw u jippubbliċizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni bir-rwol, ir-riżultati u l-impatt tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u ***b'mod partikolari għandhom jiżguraw li r-riċevituri tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 huma infurmati dwar il-kontribuzzjoni mir-Riżerva bħala inizjattiva tal-Unjoni Ewropea. Il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni mir-Riżerva ma jistgħux jiġu mmarkati bħala kontribuzzjonijiet reġjonali.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-30 ta' Ġunju ***2026***, il-Kummissjoni għandha ***twettaq*** evalwazzjoni biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Riżerva. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju. | 1. Sat-30 ta' Ġunju ***2027***, il-Kummissjoni għandha tagħmel ***arranġamenti biex titwettaq*** evalwazzjoni li teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Riżerva***. Dik l-evalwazzjoni indipendenti għandha tivvaluta wkoll sa liema punt il-miżuri tal-Istati Membri taffew il-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri, ir-reġjuni, il-komunitajiet lokali, is-setturi, in-negozji, inklużi l-SMEs, u fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.*** Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sat-***30 ta' Ġunju 2027***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' ***dan ir-Regolament*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 2. Sat-30 ta' Ġunju ***2028***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' ***evalwazzjoni indipendenti*** dwar l-implimentazzjoni ***tar-Riżerva*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Anness I**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Metodu ta' allokazzjoni għall-***prefinanzjament*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit | Metodu ta' allokazzjoni għar-***riżorsi*** tal-finanzjament tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ***stabbilit fl-Artikolu 4(3)*** |
| Il-***prefinanzjament*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għandu jitqassam bejn l-Istati Membri skont il-metodoloġija li ġejja: | Ir-***riżorsi*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għandu jitqassam bejn l-Istati Membri skont il-metodoloġija li ġejja: |
| 1. Is-sehem ta' kull Stat Membru mill-***finanzjament*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit huwa ddeterminat bħala s-somma ta' fattur marbut mal-ħut maqbud fl-ibħra li jappartjenu għaż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tar-Renju Unit u ta' fattur marbut mal-kummerċ mar-Renju Unit. | 1. Is-sehem ta' kull Stat Membru ***mir-riżorsi*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit huwa ddeterminat bħala s-somma ta' fattur marbut mal-ħut maqbud fl-ibħra li jappartjenu għaż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tar-Renju Unit***, u ta' fattur marbut mal-kummerċ mar-Renju Unit u l-PDG, fattur marbut mal-popolazzjoni tar-reġjuni marittimi mal-fruntiera tar-Renju Unit*** u fattur marbut mal-kummerċ mar-Renju Unit ***fis-suq intern***. |
| 2. Il-fattur marbut mal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jintuża biex jiġu allokati EUR ***600*** miljun. Il-fattur marbut mal-kummerċ jintuża biex jiġu allokati EUR ***3 400*** miljun. Iż-***żewġ*** ammonti ***huma*** espressi fi prezzijiet tal-2018. | 2. Il-fattur marbut mal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jintuża biex jiġu allokati EUR ***650*** miljun. Il-fattur marbut mal-kummerċ ***u l-GDP*** jintuża biex jiġu allokati EUR ***3 900*** miljun. ***Il-fattur marbut mar-reġjuni marittimi mal-fruntiera jintuża biex jiġu allokati EUR 300 miljun. Il-fattur marbut mal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***kummerċ fis-suq intern jintuża biex jiġu allokati EUR 150 miljun. Kull wieħed minn dawn*** l-ammonti ***huma*** espressi skont il-prezzijiet tal-2018. |
| 3. Il-fattur marbut mas-sajd huwa ddeterminat abbażi tal-kriterju li ġej u billi jiġu applikati l-passi li ġejjin: | 3. Il-fattur marbut mas-sajd huwa ddeterminat abbażi tal-kriterju li ġej u billi jiġu applikati l-passi li ġejjin: |
| a) is-sehem ta' kull Stat Membru mill-valur totali tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit; | a) is-sehem ta' kull Stat Membru mill-valur totali tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit; |
| b) dawn l-ishma jiżdiedu għall-Istati Membri b'sajd li għandu dipendenza ogħla mill-medja fuq il-qbid tal-ħut fiż-ŻEE tar-Renju Unit u jonqsu għal dawk li għandhom dipendenza taħt il-medja kif ġej: | b) dawn l-ishma jiżdiedu għall-Istati Membri b'sajd li għandu dipendenza ogħla mill-medja fuq il-qbid tal-ħut fiż-ŻEE tar-Renju Unit u jonqsu għal dawk li għandhom dipendenza taħt il-medja kif ġej: |
| (i) għal kull Stat Membru, il-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit bħala perċentwal tal-valur totali tal-ħut maqbud minn dak l-Istat Membru huwa espress bħala indiċi tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza); | (i) għal kull Stat Membru, il-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit bħala perċentwal tal-valur totali tal-ħut maqbud minn dak l-Istat Membru huwa espress bħala indiċi tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza); |
| (ii) is-sehem inizjali tal-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru; | (ii) is-sehem inizjali tal-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru; |
| (iii) dawn l-ishma aġġustati jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tal-Istati Membri kollha tkun ta' 100%; | (iii) dawn l-ishma aġġustati jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tal-Istati Membri kollha tkun ta' 100%; |
| 4. Il-fattur marbut mal-kummerċ jinkiseb billi jiġu applikati l-passi li ġejjin: | 4. Il-fattur marbut mal-kummerċ ***u mal-PDG***jinkiseb billi jiġu applikati l-passi li ġejjin: |
| a) il-kummerċ ta' kull Stat Membru mar-Renju Unit huwa espress bħala sehem tal-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit (il-kummerċ huwa s-somma tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi); | a) il-kummerċ ta' kull Stat Membru mar-Renju Unit huwa espress bħala sehem tal-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit (il-kummerċ huwa s-somma tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi); |
| b) biex tiġi vvalutata l-importanza relattiva ta' dawn il-flussi kummerċjali għal kull Stat Membru, is-somma tal-flussi kummerċjali mar-Renju Unit hija espressa bħala perċentwal tal-PDG tal-Istat Membru u sussegwentement espressa bħala indiċi | b) biex tiġi vvalutata l-importanza relattiva ta' dawn il-flussi kummerċjali għal kull Stat Membru, is-somma tal-flussi kummerċjali mar-Renju Unit hija espressa bħala perċentwal tal-PDG tal-Istat Membru u sussegwentement espressa bħala indiċi |

| | |
|---|---|
| tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza); | tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza); |
| c) is-sehem inizjali tal-kummerċ mar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru; | c) is-sehem inizjali tal-kummerċ mar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru ***b'ponderazzjoni ta' 75%***; |
| d) dawn l-ishma aġġustati jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tal-Istati Membri kollha tkun ta' 100%; | d) dawn l-ishma aġġustati jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tal-Istati Membri kollha tkun ta' 100%; |
| e) l-ishma hekk miksuba jiġu aġġustati billi jiġu diviżi bl-ING per capita tal-Istat Membru (f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist) espressi bħala perċentwal tal-ING medju per capita tal-UE (medja espressa bħala 100%); | e) l-ishma hekk miksuba jiġu aġġustati billi jiġu diviżi bl-ING per capita tal-Istat Membru (f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist) espressi bħala perċentwal tal-ING medju per capita tal-UE (medja espressa bħala 100%); |
| f) l-ishma li jirriżultaw jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tkun ugwali għal 100 %, fejn jiġi żgurat li l-ebda Stat Membru ma jista' jkollu sehem ogħla minn ***25 %*** tat-total tal-UE. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu mill-ġdid lill-Istati Membri l-oħra, proporzjonalment mal-ishma mhux limitati tagħhom; | f) l-ishma li jirriżultaw jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tkun ugwali għal 100 %, fejn jiġi żgurat li l-ebda Stat Membru ma jista' jkollu sehem ogħla minn ***23.4939759036%*** tat-total tal-UE. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu mill-ġdid lill-Istati Membri l-oħra, proporzjonalment mal-ishma mhux limitati tagħhom; |
| g) jekk dan il-kalkolu jwassal għal allokazzjoni li taqbeż ***0,35 %*** tal-ING ta' Stat Membru (imkejjel f'Euro), l-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru tiġi limitata għal-livell ta' ***0.35 %*** tal-ING tiegħu. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu mill-ġdid lill-Istati Membri l-oħra, proporzjonalment mal-ishma mhux limitati tagħhom; | g) jekk dan il-kalkolu jwassal għal allokazzjoni li taqbeż ***0.33831325301%*** tal-ING ta' Stat Membru (imkejjel f'Euro), l-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru tiġi limitata għal-livell ta' ***0.33831325301%*** tal-ING tiegħu. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu mill-ġdid lill-Istati Membri l-oħra, proporzjonalment mal-ishma mhux limitati tagħhom; |
| h) jekk il-kalkolu msemmi fil-punt g)jirriżulta f'intensità ta' għajnuna ta' aktar minn ***EUR 190/kull abitant***, l-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru tiġi limitata għal-livell li jikkorrispondi għal intensità ta' għajnuna ta' ***EUR 190/kull abitant***. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu lill-Istati Membri li ma jkunx impost fuqhom limitu taħt il-punti g) jew h), proporzjonalment għall-ishma tagħhom kif ikkalkulati fil-punt g). | h) jekk il-kalkolu msemmi fil-punt g)jirriżulta f'intensità ta' għajnuna ta' aktar minn ***EUR 183,253012048/kull abitant***, l-allokazzjoni ta' dak l-Istat Membru tiġi limitata għal-livell li jikkorrispondi għal intensità ta' għajnuna ta' ***EUR 183,253012048/kull abitant***. Ir-riżorsi mnaqqsa minħabba dan il-limitu massimu jitqassmu lill-Istati Membri li ma jkunx impost fuqhom limitu taħt il-punti g) jew h), proporzjonalment għall-ishma tagħhom kif ikkalkulati fil-punt g). |

***4a. Il-fattur marbut mar-reġjuni tal-fruntieri marittimi jinkiseb billi jiġi kkalkulat is-sehem ta' kull Stat Membru fil-popolazzjoni totali tar-reġjuni marittimi mal-fruntiera tar-Renju Unit. Ir-reġjuni marittimi mal-fruntiera jinsabu fil-livell NUTS 3 tul il-fruntieri tal-kosta u ta' reġjuni oħra tal-livell NUTS 3 li mill-inqas nofs il-popolazzjoni reġjonali tagħhom tgħix mhux aktar minn 25 kilometru mill-fruntieri tal-kosta. Il-fruntieri tal-kosta huma definiti bħala kosti li jinsabu f'massimu ta' 150 km mill-kosta tar-Renju Unit.***

***4b. Il-fattur marbut mal-kummerċ fis-suq uniku jinkiseb billi jiġu applikati l-passi li ġejjin:***

***a) il-kummerċ ta' kull Stat Membru mar-Renju Unit huwa espress bħala sehem tal-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit (il-kummerċ huwa s-somma tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi, bl-esklużjoni tas-servizzi finanzjarji);***

***b) biex tiġi vvalutata l-importanza relattiva ta' dawn il-flussi kummerċjali għal kull Stat Membru, is-somma tal-flussi kummerċjali mar-Renju Unit hija espressa bħala perċentwal tal-flussi kummerċjali globali tal-Istat Membru, esklużi s-servizzi finanzjarji mal-UE-28 u sussegwentement espressa bħala indiċi tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza);***

***c) is-sehem inizjali tal-kummerċ mar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru;***

***d) dawn l-ishma aġġustati jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tal-Istati Membri kollha tkun ta' 100%;***

***e) l-ishma hekk miksuba jiġu aġġustati billi jiġu diviżi bl-ING per capita tal-Istat Membru (f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist) espressi bħala perċentwal tal-ING medju per capita tal-UE (medja***

| | |
|---|---|
| | ***espressa bħala 100%);*** |
| | ***f) l-ishma li jirriżultaw jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tkun ugwali għal 100%.*** |
| 5. Għall-finijiet tal-kalkolu tad-distribuzzjoni tal-***prefinanzjament*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit: | 5. Għall-finijiet tal-kalkolu tad-distribuzzjoni ***tar-riżorsi*** tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit: |
| a) għall-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit, il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2015-2018; | a) għall-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit, il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2015-2018; |
| b) għall-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit bħala sehem mill-valur totali tal-ħut maqbud minn Stat Membru, il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2015-2018; | b) għall-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit bħala sehem mill-valur totali tal-ħut maqbud minn Stat Membru, il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2015-2018; |
| c) il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017-2019; | c) il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017-2019; |
| d) għall-ING il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017-2019; | d) għall-ING il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017-2019; |
| e) għall-ING per capita (f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist) il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2016-2018; | e) għall-ING per capita (f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist) il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2016-2018; |
| f) għall-PDG u għall-popolazzjoni totali tal-Istati Membri l-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017-2019**.** | f) għall-PDG u għall-popolazzjoni totali tal-Istati Membri l-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017-2019**;** |
| | ***fa) għall-popolazzjoni tar-reġjuni livell NUTS 3 tal-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Anness II - tabella**

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Test propost mill-Kummissjoni* | | | |
| **Mudell ta' applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja, inklużi elementi relatati mal-kontijiet** | | | |
| 1. | Stat Membru | | |
| 2. | Data tal-applikazzjoni | | |
| 3. | Data tal-ewwel nefqa | Data mġarrba | Data tal-ħlas |
| 4. | Data tal-aħħar nefqa | Data mġarrba | Data tal-ħlas |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5. | Ammont ta' prefinanzjament riċevut (f'EUR) | | | |
| 6. | ***Korp*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni mir-Riżerva<br><br>Persuna responsabbli u funzjoni<br><br>Dettalji ta' kuntatt | | | |
| 7. | Korp tal-verifika indipendenti<br><br>Persuna responsabbli u funzjoni<br><br>Dettalji ta' kuntatt | | | |
| 8. | Deskrizzjoni qasira taż-żoni u s-setturi affettwati u tal-miżuri ta' rispons fis-seħħ | | | |
| 9. | Nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa qabel it-tnaqqis | | | |
| 10. | Ammonti mnaqqsa mill-Istat Membru u r-raġunijiet għat-tnaqqis | | | |
| 11. | B'mod partikolari, mill-ammonti mnaqqsa (10), l-ammonti kkoreġuti bħala riżultat tal-verifiki tal-miżuri ffinanzjati | | | |
| 12. | Nefqa totali sottomessa għall-kontribuzzjoni mir-Riżerva (EUR) (12 = 9 – 10) | | | |
| 13. | F'munita nazzjonali<br>(jekk applikabbli) | Għal Stati Membri li ma jużawx l-Euro: jekk jogħġbok ikkonverti l-ammonti kollha f'Euro bir-rata uffiċjali fix-xahar ta' qabel ix-xahar tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni li tiġi ppubblikata fuq:<br><br>https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/how-eu-funding-works/information-contractors-and-beneficiaries/exchange-rate-inforeuro_mt | | |
| 14. | Rata tal-kambju applikata | | | |
| 15. | Tqassim tan-nefqa sottomessa għall-kontribuzzjoni mir-Riżerva (jekk jogħġbok ipprovdi lista tal-azzjonijiet individwali ffinanzjati taħt kull miżura u n-nefqa relatata għal kull azzjoni)<br><br>Kull punt ta' nefqa għandu jiddaħħal darba biss. | EUR | Munita nazzjonali (jekk applikabbli) | Indikaturi tal-output (jekk jogħġbok ipprovdi numru) |
| 15.1. | Miżuri li jgħinu ***b'mod avvers***lin-negozji u lill-komunitajiet lokali affettwati mill-irtirar | | | Impriżi (mgħejjuna)<br><br>Intrapriżi mgħejjuna (avżati)<br><br>Popolazzjoni li qed |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | tibbenefika |
| 15.2. | Miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta | | | Impriżi (mgħejjuna)<br><br>Intrapriżi mgħejjuna (avżati) |
| 15.3. | Miżuri li jappoġġaw in-negozji u l-komunitajiet lokali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit | | | Impriżi (mgħejjuna)<br><br>Intrapriżi mgħejjuna (avżati)<br><br>Popolazzjoni li qed tibbenefika |
| 15.4. | Miżuri li jappoġġjaw l-impjiegi permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi affettwati | | | Parteċipanti |
| 15.5. | Miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-fruntieri, u l-kontrolli tas-sigurtà, inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali | | | Persunal Addizzjonali (f'FTE)<br><br>Infrastruttura fiżika adattata (m²) |
| 15.6. | Miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tad-dwana u l-ġbir tat-tassazzjoni indiretta, inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali | | | Persunal Addizzjonali (f'FTE)<br><br>Infrastruttura fiżika adattata (m²) |
| 15.7. | Miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-kontrolli sanitarji u fitosanitarji u tas-sajd, inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali | | | Persunal Addizzjonali (f'FTE)<br><br>Infrastrut |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | tura fiżika adattata (m²) |
| 15.8. | Miżuri li jiffaċilitaw ċertifikati u awtorizzazzjoni ta' prodotti, rekwiżiti ta' stabbiliment, tikkettar u mmarkar, pereżempju għas-sigurtà, is-saħħa, l-istandards ambjentali, u r-rikonoxximent reċiproku | | | Impriżi (mgħejjuna)<br>Intrapriżi mgħejjuna (avżati) |
| 15.9. | Miżuri għall-komunikazzjoni, l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji dwar il-bidliet li jirriżultaw mill-ħruġ fuq id-drittijiet u l-obbligi tagħhom. | | | Intrapriżi mgħejjuna (avżati)<br>Popolazzjoni koperta |
| 15.10 | Oħra (jekk jogħġbok speċifika) | | | |
| 16. | Kwalunkwe finanzjament komplementari tal-UE riċevut jew mitlub għal nefqa mhux inkluża f'din l-applikazzjoni<br>Deskrizzjoni qasira / ammont<br>(eż l-użu ta' finanzjament mill-Politika ta' Koeżjoni/ REACT-EU/JTF/RRF/oħrajn - jekk jogħġbok speċifika) | | | |
| 17. | Jekk jogħġbok indika l-entità legali u n-numru sħiħ tal-kont bankarju u d-detentur f'każ ta' pagament ulterjuri | | | |
| | | ❑ Kont li qabel kien jintuża biex jirċievi pagamenti mill-UE<br>❑ Kont ġdid | | |

*Emenda*

**Mudell ta' applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja, inklużi elementi relatati mal-kontijiet**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Stat Membru | | |
| 2. | Data tal-applikazzjoni | | |
| 3. | Data tal-ewwel nefqa | Data mġarrba | Data tal-ħlas |
| 4. | Data tal-aħħar nefqa | Data mġarrba | Data tal-ħlas |
| 5. | Ammont ta' prefinanzjament riċevut (f'EUR) | | |
| 6. | ***Korp*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni mir-Riżerva<br>Persuna responsabbli u funzjoni | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Dettalji ta' kuntatt | | | |
| 7. | Korp tal-verifika indipendenti<br>Persuna responsabbli u funzjoni<br>Dettalji ta' kuntatt | | | |
| 8. | Deskrizzjoni qasira taż-żoni u s-setturi affettwati u tal-miżuri ta' rispons fis-seħħ | | | |
| 9. | Nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa qabel it-tnaqqis | | | |
| 10. | Ammonti mnaqqsa mill-Istat Membru u r-raġunijiet għat-tnaqqis | | | |
| 11. | B'mod partikolari, mill-ammonti mnaqqsa (10), l-ammonti kkoreġuti bħala riżultat tal-verifiki tal-miżuri ffinanzjati | | | |
| 12. | Nefqa totali sottomessa għall-kontribuzzjoni mir-Riżerva (EUR) (12 = 9 – 10) | | | |
| 13. | F'munita nazzjonali<br>(jekk applikabbli) | Għal Stati Membri li ma jużawx l-Euro: jekk jogħġbok ikkonverti l-ammonti kollha f'Euro bir-rata uffiċjali fix-xahar ta' qabel ix-xahar tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni li tiġi ppubblikata fuq:<br>https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/how-eu-funding-works/information-contractors-and-beneficiaries/exchange-rate-inforeuro_mt | | |
| 14. | Rata tal-kambju applikata | | | |
| 15. | Tqassim tan-nefqa sottomessa għall-kontribuzzjoni mir-Riżerva (jekk jogħġbok ipprovdi lista tal-azzjonijiet individwali ffinanzjati taħt kull miżura u n-nefqa relatata għal kull azzjoni)<br>Kull punt ta' nefqa għandu jiddaħħal darba biss. | EUR | Munita nazzjonali (jekk applikabbli) | Indikaturi tal-output (jekk jogħġbok ipprovdi numru) |
| 15.1. | Miżuri li ***jappoġġaw u*** jgħinu lin-negozji, ***b'mod partikolari lill-SMEs inkluż intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, lill-ħaddiema*** u l-komunitajiet lokali milquta ***ħażin*** mill-ħruġ, ***b'mod partikolari r-reġjuni l-aktar milquta***; | | | Impriżi (mgħejjuna)<br><br>Intrapriżi mgħejjuna (avżati)<br><br>Popolazzjoni li qed tibbenefika |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1<br>5.<br>2. | Miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta***, u l-impjegati tagħhom*** | | | Impriżi (mgħejju na)<br><br>Intrapriżi mgħejjun a (avżati) |
| 1<br>5.<br>3. | Miżuri ta' appoġġ għan-negozji***, inklużi l-SMEs u l-mikrointrapriżi, il-ħaddiema*** u l-komunitajiet lokali li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit, ***b'mod partikolari dawk li ma jistgħux jirrilokaw l-attivitajiet tagħhom f'ilmijiet differenti*** | | | Impriżi (mgħejju na)<br><br>Intrapriżi mgħejjun a (avżati)<br><br>Popolazz joni li qed tibbenefi ka |
| ***1<br>5.<br>3<br>a.*** | ***Miżuri li jappoġġaw lis-sajjieda u lill-operaturi għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd kif definit fi [ir-Regolament (UE) Nru XX/20XX (ir-Regolament FEMSA)] u l-kumpens għall-operaturi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż l-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, għad-dħul tagħhom mitluf jew spejjeż addizzjonali minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-aċċess dejjem jonqos għall-ilmijiet tar-Renju Unit;*** | | | ***Impriżi (mgħejju na)<br><br>Intrapriż i mgħejju na (avżati)<br><br>Popolazz joni li qed tibbenefi ka*** |
| 1<br>5.<br>4. | Miżuri li jappoġġaw l-impjiegi , ***l-inklużjoni u l-ħolqien tal-impjiegi*** permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u ***titjib tal-ħiliet u*** taħriġ ***fir-reġjuni u l-komunitajiet lokali l-aktar milquta u*** s-setturi affettwati***, inkluż is-settur tat-turiżmu*** | | | Parteċipa nti |
| 1<br>5.<br>5. | Miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-fruntieri, u l-kontrolli tas-sigurtà, inkluż persunal***, taħriġ*** u infrastruttura addizzjonali | | | Persunal Addizzjo nali (f'FTE)<br><br>Infrastrut |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | tura fiżika adattata (m²) |
| 15.6. | Miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tad-dwana u l-ġbir tat-tassazzjoni indiretta, inkluż persunal***, taħriġ*** u infrastruttura addizzjonali | | | Persunal Addizzjonali (f'FTE)<br>Infrastruttura fiżika adattata (m²) |
| 15.7. | Miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-kontrolli sanitarji u fitosanitarji u tas-sajd, inkluż persunal***, taħriġ*** u infrastruttura addizzjonali | | | Persunal Addizzjonali (f'FTE)<br>Infrastruttura fiżika adattata (m²) |
| 15.8. | Miżuri li jiffaċilitaw ċertifikati u awtorizzazzjoni ta' prodotti, rekwiżiti ta' stabbiliment, tikkettar u mmarkar, pereżempju għas-sigurtà, is-saħħa, l-istandards ambjentali, ***u soċjali*** u r-rikonoxximent reċiproku, ***inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali*** | | | Impriżi (mgħejjuna)<br>Intrapriżi mgħejjuna (avżati) |
| 15.8a. | Miżuri mfassla biex jappoġġaw l-integrazzjoni mill-ġdid taċ-ċittadini tal-Unjoni li jitilqu mir-Renju Unit, bħall-assistenza u l-gwida; | | | Ċittadini tal-Unjoni (appoġġati) |
| 15.9. | Miżuri għall-komunikazzjoni, ***il-konsulenza ġuridika,*** l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji dwar il-bidliet li jirriżultaw mill-irtirar tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom | | | Intrapriżi mgħejjuna (avżati)<br>Popolazzjoni koperta |
| 15.10. | Oħra (jekk jogħġbok speċifika) | | | |
| 16. | Kwalunkwe finanzjament komplementari tal-UE riċevut jew mitlub għal nefqa mhux inkluża f'din l-applikazzjoni<br>Deskrizzjoni qasira / ammont<br>(eż l-użu ta' finanzjament mill-Politika ta' Koeżjoni/ REACT-EU/JTF/RRF/oħrajn - jekk jogħġbok speċifika) | | | |
| 1 | Jekk jogħġbok indika l-entità legali u n- | | | |

| | | |
|---|---|---|
| 7. | numru sħiħ tal-kont bankarju u d-detentur f'każ ta' pagament ulterjuri | |
| | | ❑ Kont li qabel kien jintuża biex jirċievi pagamenti mill-UE<br>❑ Kont ġdid |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) is-sistema ta' kontroll qed taħdem sew u f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u tiżgura l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.*** |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit |
| **Referenzi** | COM(2020)0854 – C9-0433/2020 – 2020/0380(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>18.1.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>18.1.2021 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 11.3.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Valérie Hayer<br>29.1.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 4.3.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.5.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 23<br>–: 4<br>0: 12 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Robert Biedroń, Anna Bonfrisco, Olivier Chastel, Lefteris Christoforou, David Cormand, Paolo De Castro, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Valentino Grant, Francisco Guerreiro, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Zbigniew Kuźmiuk, Ioannis Lagos, Hélène Laporte, Pierre Larrouturou, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Silvia Modig, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Jan Olbrycht, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Nicolae Ştefănuță, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Johan Van Overtveldt, Rainer Wieland, Angelika Winzig |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Mario Furore, Henrike Hahn |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 23 | + |
|---|---|
| ECR | Zbigniew Kuźmiuk, Bogdan Rzońca |
| ID | Hélène Laporte |
| NI | Mario Furore |
| Renew | Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Moritz Körner, Nicolae Ştefănuță, Nils Torvalds |
| S&D | Robert Biedroń, Paolo De Castro, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Pierre Larrouturou, Margarida Marques, Victor Negrescu, Nils Ušakovs |
| The Left | Silvia Modig, Dimitrios Papadimoulis |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, David Cormand, Francisco Guerreiro, Henrike Hahn |

| 4 | - |
|---|---|
| ECR | Johan Van Overtveldt |
| ID | Anna Bonfrisco, Valentino Grant, Joachim Kuhs |

| 12 | 0 |
|---|---|
| NI | Ioannis Lagos |
| PPE | Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Karlo Ressler, Rainer Wieland, Angelika Winzig |
| Renew | Olivier Chastel |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

11.5.2021

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit
(COM(2020)0854 – C9-0433/2020 – 2020/0380(COD))

Rapporteur għal opinjoni: François-Xavier Bellamy

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 322(1)(a) tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu 43(2),*** it-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 322(1)(a) tiegħu, |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ[11] u ***se jdum sal-*** 31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew negozjati formali dwar relazzjoni futura.<br>__________________<br>[11] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7). | (1) Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ[11] u ***ntemm fil-*** 31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew negozjati formali dwar relazzjoni futura.<br>__________________<br>[11] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7). |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ***se jkunu preżenti ostakli*** għall-kummerċ u ***għall-iskambji transfruntiera*** bejn l-Unjoni u r-Renju Unit***. Huma mistennija konsegwenzi wiesgħa*** u estensivi għan-negozji, iċ-ċittadini u ***l-amministrazzjonijiet pubbliċi***. Dawk il-konsegwenzi ma ***jistgħux*** jiġu evitati u l-partijiet ***interessati jeħtieġ li jiżguraw li jkunu lesti għalihom***. | (2) Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ***u bl-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-TCA") f'Diċembru 2020, l-ostakli*** għall-kummerċ***,*** ***l-iskambji transfruntiera*** u ***r-relazzjonijiet tas-sajd*** bejn l-Unjoni u r-Renju Unit ***saru realtà b'konsegwenzi kbar*** u estensivi għan-negozji, ***il-flotta tas-sajd tal-UE, il-ħaddiema,*** iċ-ċittadini u ***l-pubbliku***. Dawk il-konsegwenzi ma ***setgħux*** jiġu evitati u l-partijiet ***ikkonċernati kellhom jadattaw kif xieraq***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Bħala riżultat tar-relazzjonijiet ġodda tas-sajd li ntlaħaq ftehim dwarhom bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, inżamm l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet tas-sajd u r-riżorsi tas-sajd iżda biss sat-30 ta' Ġunju 2026 (il-"perjodu ta' aġġustament"), u s-settur tas-sajd tal-UE ser jiffaċċja impatt profond minħabba t-telf ikkawżat mit-tnaqqis gradwali ta' 25 % fil-valur tal-qabdiet li jsiru kemm fl-ilmijiet taż-żona ekonomika esklużiva tar-Renju Unit, fl-ilmijiet tat-territorji tiegħu bi status speċjali kif ukoll fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi. Dan jista' jġib miegħu bidliet profondi tul il-katina tal-valur tas-sajd u fl-istruttura tal-ekonomija f'xi reġjuni kostali li jiddependu mis-sajd.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-Unjoni hija impenjata li ttaffi l-impatt ekonomiku tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha, speċjalment dawk ***l-aktar*** affettwati f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn. | (3) L-Unjoni hija impenjata li ttaffi l-impatt ***negattiv*** ekonomiku***, soċjali u territorjali*** tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha, ***ir-reġjuni tagħhom u l-komunitajiet affettwati,*** speċjalment dawk ***l-agħar*** affettwati f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3a) L-Unjoni hija impenjata wkoll għal ġestjoni tas-sajd sostenibbli skont l-objettivi tal-PKS, inkluż il-prinċipju li jinkiseb rendiment massimu sostenibbli għall-istokkijiet kollha skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, it-tmiem tas-sajd eċċessiv, ir-restawr tal-popolazzjonijiet ta' speċijiet mistada u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, kif previst ukoll minn diversi impenji internazzjonali.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-Riżerva) biex tipprovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bil-għan li jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Jenħtieġ li tkopri kompletament jew parzjalment in-nefqa pubblika addizzjonali mġarrba mill-Istati Membri għal miżuri speċifikament meħuda biex itaffu dawk il-konsegwenzi. | (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-"Riżerva") biex tipprovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bil-għan li jittaffa l-impatt ***negattiv*** tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Jenħtieġ li tkopri kompletament jew parzjalment in-nefqa pubblika addizzjonali mġarrba mill-Istati Membri għal miżuri speċifikament meħuda biex itaffu dawk il-konsegwenzi***, li huma partikolarment severi fil-qasam tas-sajd***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(4a) Dawn iż-żminijiet straordinarji jirrikjedu mezzi finanzjarji ta' Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u, fejn meħtieġ, għar-rilassament tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, biex jingħata*** |

| | |
|---|---|
| | ***finanzjament dirett lis-sajjieda li jappoġġjahom meta jsofru l-konsegwenzi ekonomiċi tat-telf definittiv ta' 25 % tal-valur tad-drittijiet storiċi tas-sajd u jgħinhom jaġġustaw għall-bidliet u t-telf li jġarrbu minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-reġjuni, iż-żoni u l-komunitajiet lokali, ***inklużi*** dawk dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit***,*** li ***x'aktarx jintlaqtu l-aktar*** ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit. L-Istati Membri jista' jkollhom jieħdu miżuri speċifiċi b'mod partikolari biex jappoġġaw lin-negozji u lis-setturi ekonomiċi affettwati b'mod negattiv mill-ħruġ. Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu dan l-objettiv. | (5) Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-reġjuni, iż-żoni u l-komunitajiet lokali, ***b'attenzjoni speċifika għal*** dawk ***iż-żoni u l-komunitajiet*** dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit li ***huma l-aktar milquta*** ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit***, inklużi dawk dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit, fl-ilmijiet tat-territorji tiegħu bi status speċjali u fl-ilmijiet barra mir-Renju Unit, li huma affettwati minn telf ta' qabdiet minħabba t-tnaqqis ta' opportunitajiet tas-sajd bħala riżultat tat-TCA. L-Istati Membri għandhom jinvolvuhom fid-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-fondi;*** l-Istati Membri jista' jkollhom jieħdu miżuri speċifiċi b'mod partikolari biex jappoġġaw lin-negozji u lis-setturi ekonomiċi affettwati b'mod negattiv mill-ħruġ. Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu dan l-objettiv. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex jitqies l-impatt immedjat tal-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom u l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri ta' mitigazzjoni, kif xieraq, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri jenħtieġ li jibda mill-1 ta' Lulju 2020 u ***jkun ikkonċentrat fuq perjodu limitat ta' 30 xahar***. | (7) Sabiex jitqies l-impatt immedjat tal-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-Istati Membri u l-ekonomiji tagħhom u l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri ta' mitigazzjoni, kif xieraq, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri jenħtieġ li jibda mill-1 ta' Lulju 2020 u ***jdum sal-31 ta' Diċembru 2022, għas-setturi kollha ħlief dak tas-sajd, li għalih il-perjodu ta' eliġibilità jenħtieġ li jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2026, data li fiha se jintlaħaq b'mod sħiħ it-telf ta' 25 % f'termini ta' valur tal-prodotti maqbuda mill-flotot tal-UE, kif previst fit-TCA***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi addizzjonali u biex jiżguraw mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jimplimentaw malajr il-miżuri taħt ir-Riżerva, fl-2021 jenħtieġ li jiġi żborżat ammont sostanzjali minnhom bħala prefinanzjament. Il-metodu ta' distribuzzjoni jenħtieġ li jqis l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit u l-importanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit, abbażi ta' statistika affidabbli u uffiċjali. Minħabba n-natura unika tal-avveniment li jikkostitwixxi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-inċertezza madwar aspetti ewlenin tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa diffiċli li jiġu antiċipati l-miżuri xierqa li l-Istati Membri se jkollhom jieħdu malajr biex jilqgħu għall-effetti tal-ħruġ. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà u | (11) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi addizzjonali u biex jiżguraw mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jimplimentaw malajr il-miżuri taħt ir-Riżerva, fl-2021 jenħtieġ li jiġi żborżat ammont sostanzjali minnhom bħala prefinanzjament. ***Is-servizzi finanzjarji jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kalkolu tal-metodu ta' distribuzzjoni fid-dawl tar-rilokazzjoni attwali u futura ta' attivitajiet u entitajiet relatati mas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.*** Il-metodu ta' distribuzzjoni jenħtieġ li jqis l-importanza tal-kummerċ mar-Renju Unit u l-importanza tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit ***u ż-żoni ekonomiċi esklużivi tat-territorji tiegħu bi status speċjali kif ukoll fl-ilmijiet koperti minn ftehimiet tas-sajd ma' stati kostali fejn l-opportunitajiet tas-sajd għall-flotot tal-UE jkunu inqas bħala riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-*** |

| | |
|---|---|
| b'mod partikolari li l-Kummissjoni titħalla tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament li tipprovdi l-prefinanzjament mingħajr l-obbligu skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju li tipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu ffinanzjati. | ***Unjoni Ewropea***, abbażi ta' statistika affidabbli u uffiċjali. Minħabba n-natura unika tal-avveniment li jikkostitwixxi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u l-inċertezza madwar aspetti ewlenin tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa diffiċli li jiġu antiċipati l-miżuri xierqa li l-Istati Membri se jkollhom jieħdu malajr biex jilqgħu għall-effetti tal-ħruġ. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà u b'mod partikolari li l-Kummissjoni titħalla tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament li tipprovdi l-prefinanzjament mingħajr l-obbligu skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju li tipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu ffinanzjati. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Qabel il-pagament tal-prefinanzjament, l-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | (12) Qabel il-pagament tal-prefinanzjament, l-Istati Membri jeħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi maħtura u tal-korp li lilu għandu jitħallas il-prefinanzjament, ***jiġġustifikaw il-pertinenza tal-livell territorjali speċifiku li ntgħażel*** u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi tfasslu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-finanzjament ikun ikkonċentrat fir-reġjuni u l-kumpaniji l-aktar affettwati u li l-awtoritajiet ikkonċernati jkunu involuti fid-deċiżjonijiet dwar l-użu tar-Riżerva, b'mod partikolari s-sajjieda l-aktar milquta, inkluż is-sajjieda fuq skala żgħira.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-Istati Membri għandhom jużaw il-fondi mir-Riżerva biex jappoġġjaw ir-reġjuni u l-komunitajiet l-aktar affettwati u jinvolvuhom fit-tfassil ta' miżuri appoġġjati mir-Riżerva.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Biex jiġi indirizzat l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq il-komunitajiet kostali u s-sajd fuq skala żgħira b'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jallokaw sehem minimu ta' prefinanzjament mir-Riżerva għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira, filwaqt li titqies id-diffikultà akbar għal dan is-settur biex jassorbi x-xokkijiet fis-suq, it-telf tal-kwoti u t-tfixkil fil-katina tal-provvista.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[13], hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi***, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri***. Fejn ikun | (14) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[13], hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi ***għall-awtoritajiet nazzjonali u territorjali kif*** |

| | |
|---|---|
| xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva. | ***ukoll għall-benefiċjarji tal-għajnuniet***. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva. |
| ___________________ | ___________________ |
| [13] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1). | [13] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1). |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, u tirkupra l-ammonti mhux użati. Sabiex l-appoġġ jiġi kkonċentrat fuq l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-ħruġ, ***fejn in-nefqa fl-Istat Membru kkonċernat, aċċettata bħala eliġibbli mill-Kummissjoni, taqbeż l-ammont imħallas bħala prefinanzjament u 0.06 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) nominali għall-2021 tal-Istat*** Membru ***kkonċernat, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi permessa*** allokazzjoni ulterjuri mir-Riżerva għal dak l-Istat Membru fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, jenħtieġ li | (15) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, u tirkupra l-ammonti mhux użati. Sabiex l-appoġġ jiġi kkonċentrat fuq l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-ħruġ, ***kull Stat*** Membru ***jista' jirċievi*** allokazzjoni ulterjuri mir-Riżerva għal dak l-Istat Membru fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, jenħtieġ li jsir provvediment għall-possibbiltà li jintużaw l-ammonti rkuprati mill-prefinanzjament għar-rimborż tan-nefqa addizzjonali mill-Istati Membri. |

jsir provvediment għall-possibbiltà li jintużaw l-ammonti rkuprati mill-prefinanzjament għar-rimborż tan-nefqa addizzjonali mill-Istati Membri.

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi u s-sistemi maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura. | (16) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli ***fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali*** għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi u s-sistemi maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura. ***L-Istati Membri ser jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati jkunu involuti fil-korpi ta' monitoraġġ, jekk dawn ma jkunux diġà parti minnhom.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva u jinfurmaw lill-pubbliku kif xieraq peress li l-attivitajiet ta' trasparenza, komunikazzjoni u viżibbiltà huma | (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva u jinfurmaw lill-pubbliku ***u lir-riċevituri b'mod partikolari*** kif xieraq peress li l-attivitajiet ta' trasparenza, |

| | |
|---|---|
| essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fuq il-post. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża u aġġornata. | komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fuq il-post. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża u aġġornata. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Biex jittaffew l-effetti tal-Brexit fuq is-settur tas-sajd u tal-frott tal-baħar, u biex jiġi żgurat li jsir użu sħiħ mir-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li żżid il-baġit għar-Riżerva b'ammont ekwivalenti għal-livell ta' fondi mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd[1a] li ma ġewx implimentati wara konformità mar-regola 'n+ 3'.*** <br>__________________ <br>***[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill- | (1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill- |

1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022***;***

1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022***, għas-setturi kollha ħlief dak tas-sajd, li għalih il-perjodu ta' eliġibilità għandu jibda fit-30 ta' Ġunju 2026.***

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) "Status Territorjali Speċjali" tfisser, fejn adatt, it-Territorji Brittaniċi extra-Ewropej u d-Dipendenzi tal-Kuruna;*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 − paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Riżerva għandha tipprovdi appoġġ biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta minn dak il-ħruġ, u biex jittaffa l-impatt relatat fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. | Ir-Riżerva għandha tipprovdi appoġġ biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fis-setturi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar milquta minn dak il-ħruġ, u biex jittaffa l-impatt ***negattiv*** relatat fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' ***EUR 5 370 994 000*** fi prezzijiet attwali. | 2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' ***EUR 6 370 994 000*** fi prezzijiet attwali. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Is-sehem tal-prefinanzjament mir-Riżerva, stabbilit għall-attivitajiet tas-sajd li huma affettwati minn tnaqqis ta' opportunitajiet tas-sajd għall-flotta tal-UE bħala riżultat tat-TCA stipulat fl-Anness I, għandu jiġi allokat lis-settur tas-sajd. L-Istati Membri għandhom, bħala minimu, jallokaw il-fondi determinati abbażi ta' dan meta jallokaw prefinanzjament mir-Riżerva, biex jappoġġjaw in-negozji tas-sajd u l-komunitajiet lokali, inkluż is-settur tas-sajd fuq skala żgħira, l-aktar affettwati mill-ħruġ tar-Renju Unit.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ammonti addizzjonali ta' ***EUR 1 126 162 000*** għandhom ikunu disponibbli fl-***2024*** f'konformità mal-Artikolu 11. | (b) ammonti addizzjonali ta' ***EUR 2 126 162 000*** għandhom ikunu disponibbli fl-***2026*** f'konformità mal-Artikolu 11. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu -1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-finanzjament ikun ikkonċentrat fir-reġjuni l-aktar affettwati u li l-awtoritajiet ikkonċernati jkunu involuti fid-deċiżjonijiet dwar l-użu ta' dawn il-fondi, b'mod partikolari s-settur tas-sajd fuq skala żgħira.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) miżuri li jgħinu n-negozji u l-komunitajiet lokali milquta ħażin mill-ħruġ; | (a) miżuri li jgħinu n-negozji u l-komunitajiet ***reġjonali u*** lokali milquta ħażin mill-ħruġ; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) miżuri li jappoġġjaw il-kumpens għall-operaturi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, dawk involuti fil-kummerċ relatat ma' dawn is-setturi, il-proċessuri, is-settur tat-trasport u setturi oħra li jiddependu fuq is-sajd;*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) miżuri li jappoġġaw in-negozji u l-komunitajiet lokali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit; | (c) miżuri li jappoġġaw in-negozji u l-komunitajiet lokali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit***, fit-territorji tiegħu bi status speċjali u fl-ilmijiet koperti minn ftehimiet tas-sajd ma' Stati kostali fejn l-opportunitajiet tas-sajd għall-flotot Ewropej tnaqqsu bħala riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) miżuri ta' kumpens għall-operaturi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż għall-ipproċessar tal-prodotti tagħhom, kif ukoll miżuri li jappoġġjaw il-waqfien temporanju jew il-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd kif definit fir-[Regolament (UE) Nru XX/20XX (ir-Regolament FEMSA)] għat-telf ta' dħul u spejjeż addizzjonali kkawżati mit-tnaqqis tal-kwoti, il-limiti tal-qbid għal speċijiet mhux soġġetti għal kwoti, it-tnaqqis tal-aċċess għall-ilmijiet tar-Renju Unit u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd għall-flotta tal-UE f'ilmijiet barra r-Renju Unit bħala riżultat tat-TCA u d-deċiżjonijiet meħuda fl-ambitu tar-Riżerva Nru 13 ("Sajd u ilma") u l-Anness SERVIN-2 ("Miżuri ulterjuri") għat-TCA, inkluż l-obbligu li l-qbid jinħatt, parzjalment jew kompletament, fil-portijiet tar-Renju Unit.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) miżuri li jappoġġaw l-impjiegi, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi milquta; | (d) miżuri li jappoġġaw l-impjiegi, ***il-protezzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi,*** inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, ***titjib tal-ħiliet***, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fis-setturi milquta; |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas matul il-perjodu ta' | 2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas matul il-perjodu ta' |

| | |
|---|---|
| referenza għall-miżuri mwettqa ***fl-Istat Membru kkonċernat jew għall-benefiċċju*** tal-Istat Membru kkonċernat. | referenza għall-miżuri mwettqa ***fir-reġjuni l-aktar affettwati*** tal-Istat Membru kkonċernat. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta jfasslu miżuri ta' appoġġ fil-qasam tas-sajd, l-Istati Membri għandhom iqisu l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd, filwaqt li jiżguraw li dawn il-miżuri jikkontribwixxu għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Meta jfasslu miżuri ta' appoġġ fil-qasam tas-sajd, l-Istati Membri għandhom ifittxu li jappoġġjaw lis-sajjieda l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira. L-Istati Membri għandhom iqisu l-impatt tal-Brexit fuq l-attività totali tal-intrapriżi tas-sajd, inkluż l-intrapriżi li jibbenefikaw minn żieda fl-opportunitajiet tas-sajd ta' bastimenti li joperaw taħt bandiera tar-Renju Unit wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 | 4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 |

| | |
|---|---|
| għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli. | għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli***, soġġett għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-[Artikolu 5a ġdid]***. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** <br> ***Għajnuna mill-Istat*** <br> ***L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti magħmula mill-Istati Membri, skont l-Artikoli 5.1(c) u 5.1(ca) ta' dan ir-Regolament, lil impriżi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tagħhom u b'kunsiderazzjoni tad-dimensjoni territorjali tar-riżerva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu djalogu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-awtoritajiet l-aktar affettwati u jinvolvuhom fid-deċiżjonijiet dwar l-użu tar-riżerva sabiex jitqies bis-sħiħ l-impatt differenzjat tal-Brexit fuq it-territorji.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mir-Riżerva biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 biex jipprovdu forom ta' appoġġ li ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrbin u mħallsin mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri. | 2. L-Istati Membri***, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali fiż-żoni l-agħar milquta,*** għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mir-Riżerva biex jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 biex jipprovdu forom ta' appoġġ li ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrbin u mħallsin mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jintużaw sal-***31 ta' Diċembru 2025***. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom jiġu kkonsmati l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara. | 5. B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jintużaw sal-***31 ta' Diċembru 2026***. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom jiġu kkonsmati l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament fi żmien ***60*** jum mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dan għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11. | 3. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament fi żmien ***30*** jum mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dan għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva ***sat-30 ta' Settembru 2023***. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-applikazzjoni u tistabbilixxi jekk ikunux dovuti ammonti addizzjonali lill-Istati Membri jew jekk hemmx xi ammonti li jenħtieġ li jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11. | 1. L-Istati Membri għandhom***, wara li jikkonsultaw mar-reġjuni kkonċernati,*** jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva ***sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2026 għas-settur tas-sajd u t-30 ta' Settembru 2023 għas-setturi l-oħra kollha***. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-applikazzjoni u tistabbilixxi jekk ikunux dovuti ammonti addizzjonali lill-Istati Membri jew jekk hemmx xi ammonti li jenħtieġ li jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta Stat Membru ma jippreżentax applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva ***sal-30 ta' Settembru 2023***, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament lil dak l-Istat Membru. | 2. Meta Stat Membru ma jippreżentax applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva ***sat-30 ta' Settembru 2026 għas-settur tas-sajd u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2023 għas-setturi l-oħra kollha***, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament lil dak l-Istat Membru. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) deskrizzjoni tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi u soċjali inkluża identifikazzjoni tar-reġjuni, l-oqsma u s-setturi l-aktar milqutin; | (a) deskrizzjoni tal-impatt ***negattiv*** tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi u soċjali inkluża identifikazzjoni tar-reġjuni, l-oqsma u s-setturi l-aktar milqutin; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) f'konformità mal-Artikolu 7(2), deskrizzjoni tal-konsultazzjonijiet li saru mar-reġjuni u s-setturi l-aktar milquta;*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-ammont aċċettat jaqbeż ***kemm*** l-ammont ta' prefinanzjament ***kif ukoll 0,06 % tal-ING nominali tal-2021*** tal-Istat Membru kkonċernat, għandu jkun dovut lil dak l-Istat Membru ammont addizzjonali mill-allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3), il-punt (b), u kwalunkwe ammont riportat skont l-Artikolu 8(4). | Meta l-ammont aċċettat jaqbeż l-ammont ta' prefinanzjament tal-Istat Membru kkonċernat, għandu jkun dovut lil dak l-Istat Membru ammont addizzjonali mill-allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3), il-punt (b), u kwalunkwe ammont riportat skont l-Artikolu 8(4). |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F'każ bħal dan,*** il-Kummissjoni għandha ***tħallas l-ammont li jaqbeż il-prefinanzjament imħallas lill-Istat Membru kkonċernat jew 0,06 % tad-DNG*** | Il-Kummissjoni għandha ***tiżviluppa metodu għall-allokazzjoni ta' fondi addizzjonali biex titqies l-estensjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà sat-*** |

| | |
|---|---|
| ***nominali tal-2021, skont liema minnhom ikun l-ogħla*.** | ***30 ta' Ġunju 2026 għal prefinanzjament tas-settur tas-sajd milqut*.** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jinnominaw korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u korp tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi; | (a) jinnominaw***, fil-livell xieraq tal-governanza,*** korp ***jew korpi*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u korp tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi; |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandu: | 3. Il-korp ***jew korpi*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandu***/għandhom***: |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jinfurmaw u jippubbliċizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni bir-rwol, ir-riżultati u l-impatt tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni. | L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jinfurmaw u jippubbliċizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni bir-rwol, ir-riżultati u l-impatt tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mir-Riżerva permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni***, u b'mod partikolari għandhom jiżguraw li r-riċevituri tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 huma infurmati dwar il-kontribuzzjoni mir-*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***Riżerva bħala inizjattiva tal-Unjoni****.* |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-30 ta' Ġunju ***2026***, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Riżerva. Il-Kummissjoni ***tista'*** tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju. | 1. Sat-30 ta' Ġunju ***2027***, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Riżerva. Il-Kummissjoni ***għandha*** tuża l-informazzjoni rilevanti kollha diġà disponibbli f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Sat-30 ta' Ġunju 2027***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 2. ***Sal-31 ta' Diċembru 2027***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***2a. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2023, ta' jekk kienx xieraq li jiżdied il-baġit għar-Riżerva b'ammont ekwivalenti għal-livell ta' fondi mill-FEMS li ma ġewx implimentati wara*** |

*l-konformità mar-regola 'n+3'.*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Is-sehem ta' kull Stat Membru mill-prefinanzjament tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit huwa ddeterminat bħala s-somma ta' fattur marbut ***mal-ħut maqbud*** fl-ibħra li jappartjenu għaż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tar-Renju Unit u ta' fattur marbut mal-kummerċ mar-Renju Unit. | 1. Is-sehem ta' kull Stat Membru mill-prefinanzjament tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit huwa ddeterminat bħala s-somma ta' fattur marbut ***mal-prodotti tas-sajd maqbuda*** fl-ibħra li jappartjenu għaż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tar-Renju Unit u ***fl-ibħra tat-territorji tiegħu bi status speċjali u t-tnaqqis fil-valur ta' attività tas-sajd fl-ibħra barra mir-Renju Unit affettwati mit-tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd previsti fit-TCA, u*** ta' fattur marbut mal-kummerċ mar-Renju Unit ***fis-suq intern***. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-fattur marbut ***mal-ħut maqbud*** fiż-ŻEE tar-Renju Unit jintuża biex jiġu allokati EUR 600 miljun. Il-fattur marbut mal-kummerċ jintuża biex jiġu allokati EUR 3 400 miljun. Iż-żewġ ammonti huma espressi fi prezzijiet tal-2018. | 2. Il-fattur marbut ***mal-prodotti tas-sajd maqbuda*** fiż-ŻEE tar-Renju Unit***, fl-ibħra tat-territorji tiegħu bi status speċjali u t-tnaqqis fl-attività tas-sajd fl-ibħra barra mir-Renju Unit affettwati mit-tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd previsti fit-TCA*** jintuża biex jiġu allokati EUR 600 miljun. Il-fattur marbut mal-kummerċ jintuża biex jiġu allokati EUR 3 400 miljun. Iż-żewġ ammonti huma espressi fi prezzijiet tal-2018. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Anness I – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fattur marbut mas-sajd huwa ddeterminat abbażi ***tal-kriterju li ġej*** u ***billi jiġu applikati l-passi li ġejjin:*** | 3. Il-fattur marbut mas-sajd huwa ddeterminat abbażi ***tas-sehem ta' kull Stat Membru mill-valur totali tal-prodotti tas-sajd maqbuda fiż-ŻEE tar-Renju Unit, fl-ibħra tat-territorji tiegħu bi status speċjali*** u ***t-tnaqqis fl-attività tas-sajd fl-ibħra barra mir-Renju Unit affettwati mit-tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd previsti fit-TCA.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***a) is-sehem ta' kull Stat Membru mill-valur totali tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***b) dawn l-ishma jiżdiedu għall-Istati Membri b'sajd li għandu dipendenza ogħla mill-medja fuq il-qbid tal-ħut fiż-ŻEE tar-Renju Unit u jonqsu għal dawk li għandhom dipendenza taħt il-medja kif ġej:***<br><br>***(i) għal kull Stat Membru, il-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit bħala perċentwal tal-valur totali tal-ħut maqbud minn dak l-Istat Membru huwa espress bħala indiċi tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza);***<br><br>***(ii) is-sehem inizjali tal-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jiġi*** | ***imħassar*** |

***aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru;***

***(iii) dawn l-ishma aġġustati jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tal-Istati Membri kollha tkun ta' 100 %.***

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) il-kummerċ ta' kull Stat Membru mar-Renju Unit huwa espress bħala sehem tal-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit (il-kummerċ huwa s-somma tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi); | a) il-kummerċ ta' kull Stat Membru mar-Renju Unit huwa espress bħala sehem tal-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit (il-kummerċ huwa s-somma tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi***, bl-esklużjoni tas-servizzi finanzjarji***); |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) biex tiġi vvalutata l-importanza relattiva ta' dawn il-flussi kummerċjali għal kull Stat Membru, is-somma tal-flussi kummerċjali mar-Renju Unit hija espressa bħala perċentwal ***tal-PDG*** tal-Istat Membru u sussegwentement espressa bħala indiċi tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza); | b) biex tiġi vvalutata l-importanza relattiva ta' dawn il-flussi kummerċjali għal kull Stat Membru, is-somma tal-flussi kummerċjali mar-Renju Unit hija espressa bħala perċentwal ***tal-volum globali tal-flussi kummerċjali*** tal-Istat Membru ***flimkien mal-UE-28,*** u sussegwentement espressa bħala indiċi tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza); |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 5 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| a) għall-valur ***tal-ħut maqbud*** fiż-ŻEE tar-Renju Unit, il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2015-2018; | a) għall-valur ***totali tal-opportunitajiet tas-sajd mitlufa bħala konsegwenza tat-TCA*** fiż-ŻEE tar-Renju Unit, ***fl-ibħra tat-territorji tiegħu bi status speċjali u fl-ibħra barra r-Renju Unit,*** il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2015-2018; |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 5 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***b) għall-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit bħala sehem mill-valur totali tal-ħut maqbud minn Stat Membru, il-perjodu ta' referenza għandu jkun 2015-2018;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 5 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| f) ***għall-PDG u*** għall-popolazzjoni totali tal-Istati Membri l-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017-2019. | f) għall-popolazzjoni totali tal-Istati Membri l-perjodu ta' referenza għandu jkun 2017-2019. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit |
| **Referenzi** | COM(2020)0854 – C9-0433/2020 – 2020/0380(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>18.1.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH<br>18.1.2021 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 11.3.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | François-Xavier Bellamy<br>3.3.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.1.2021 12.4.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.5.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 18<br>–: 7<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Giuseppe Ferrandino, João Ferreira, Søren Gade, Francisco Guerreiro, Anja Hazekamp, Niclas Herbst, France Jamet, Pierre Karleskind, Francisco José Millán Mon, Grace O'Sullivan, Manuel Pizarro, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Emma Wiesner, Theodoros Zagorakis |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Carmen Avram, Nicolás González Casares, Valentino Grant, Ivo Hristov |

# VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 18 | + |
|---|---|
| ID | Rosanna Conte, Valentino Grant, France Jamet |
| PPE | François-Xavier Bellamy, Maria da Graça Carvalho, Niclas Herbst, Francisco José Millán Mon, Theodoros Zagorakis |
| Renew | Izaskun Bilbao Barandica, Pierre Karleskind |
| S&D | Carmen Avram, Isabel Carvalhais, Giuseppe Ferrandino, Nicolás González Casares, Ivo Hristov, Manuel Pizarro |
| The Left | João Ferreira |
| Verts/ALE | Caroline Roose |

| 7 | - |
|---|---|
| ECR | Bert-Jan Ruissen, Ruža Tomašić |
| PPE | Peter van Dalen, Annie Schreijer-Pierik |
| Renew | Søren Gade, Emma Wiesner |
| The Left | Anja Hazekamp |

| 3 | 0 |
|---|---|
| Verts/ALE | Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Grace O'Sullivan |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit |
| **Referenzi** | COM(2020)0854 – C9-0433/2020 – 2020/0380(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 25.12.2020 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>18.1.2021 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG 18.1.2021 ; PECH 18.1.2021 |
| **Kumitati assoċjati**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH 11.3.2021 ; BUDG 11.3.2021 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Pascal Arimont<br>14.1.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.1.2021 ; 16.3.2021 ; 22.4.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 25.5.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 35<br>–: 1<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Mathilde Androuët, Pascal Arimont, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Erik Bergkvist, Stéphane Bijoux, Franc Bogovič, Vlad-Marius Botoş, Rosanna Conte, Andrea Cozzolino, Corina Crețu, Rosa D'Amato, Christian Doleschal, Raffaele Fitto, Chiara Gemma, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Manolis Kefalogiannis, Ondřej Knotek, Constanze Krehl, Elżbieta Kruk, Cristina Maestre Martín De Almagro, Nora Mebarek, Dan-Ştefan Motreanu, Andżelika Anna Możdżanowska, Niklas Nienaß, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Alessandro Panza, Tsvetelina Penkova, Caroline Roose, André Rougé, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret, Valdemar Tomaševski, Yana Toom, Monika Vana |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Isabel Carvalhais, Lena Düpont, Maximilian Krah |
| **Data tat-tressiq** | 31.5.2021 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 35 | + |
|---|---|
| ECR | Andżelika Anna Możdżanowska |
| ID | Mathilde Androuët, André Rougé |
| NI | Chiara Gemma |
| PPE | Pascal Arimont, Tom Berendsen, Franc Bogovič, Christian Doleschal, Lena Düpont, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Manolis Kefalogiannis, Dan-Ştefan Motreanu, Andrey Novakov |
| Renew | Stéphane Bijoux, Vlad-Marius Botoş, Ondřej Knotek, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret, Yana Toom |
| S&D | Adrian-Dragoş Benea, Erik Bergkvist, Isabel Carvalhais, Andrea Cozzolino, Corina Crețu, Constanze Krehl, Cristina Maestre Martín De Almagro, Nora Mebarek, Tsvetelina Penkova |
| The Left | Younous Omarjee |
| Verts/ALE | François Alfonsi, Rosa D'Amato, Niklas Nienaß, Caroline Roose, Monika Vana |

| 1 | - |
|---|---|
| PPE | Isabel Benjumea Benjumea |

| 6 | 0 |
|---|---|
| ECR | Raffaele Fitto, Elżbieta Kruk, Valdemar Tomaševski |
| ID | Rosanna Conte, Maximilian Krah, Alessandro Panza |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni